IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2022
COM(2022) 516 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar il-Funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju fl-2021 skont l-Artikoli 10(5) u 21(2) tad-Direttiva 2003/87/EC (kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE u bid-Direttiva (UE) 2018/410)**

{SWD(2022) 407 final}

**MT** **MT**

Lista ta' abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| AVR | Ir-Regolament dwar l-Akkreditament u l-Verifika |
| CEF DI | L-Istrument ta' Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa |
| CEMS | Is-Sistemi ta' Kejl tal-Emissjonijiet Kontinwu |
| Ekwivalenti ta' $CO_2$ | L-Ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju |
| CORSIA | L-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali |
| ŻEE | Iż-Żona Ekonomika Ewropea |
| EEX | L-Iskambju tal-Enerġija Ewropea |
| EFTA | L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles |
| BEI | Il-Bank Ewropew tal-Investiment |
| ESMA | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| UE | L-Unjoni Ewropea |
| EU ETS | Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet |
| EU27 | L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea |
| EUTL | Ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea |
| ICAO | L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali |
| InnovFin EDP | Il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tal-Enerġija InnovFin |
| IPCC | Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima |
| MRR | Ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar |
| MSR | Ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq |
| $N_2O$ | L-Ossidu nitruż |
| NER | Ir-Riżerva għal Entranti Ġodda |
| PFCs | Il-Perfluworokarburi |
| TNAC | L-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni |
| UK | Ir-Renju Unit |

# Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet ... 1
1. Introduzzjoni ... 3
2. Kopertura tal-ETS ... 4
3. Qafas tas-suq tal-karbonju ... 6
3.1. Limitu massimu fuq l-emissjonijiet ... 6
3.2. Irkantar ta' kwoti ... 9
3.3. Allokazzjoni bla ħlas ... 10
3.3.1. Deroga minn irkantar sħiħ għall-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana ... 12
3.4. Dħul mill-irkant ... 13
3.4.1. NER 300 ... 14
3.4.2. Fond għall-Innovazzjoni ... 15
3.4.3. Fond għall-Modernizzazzjoni ... 16
3.4.4. Kumpens għall-kostijiet indiretti tal-karbonju ... 17
3.5. Tnaqqis tal-emissjonijiet fl-EU ETS ... 19
3.6. Bilanċjar tal-provvista u tad-domanda ... 22
4. Avjazzjoni ... 24
5. Sorveljanza tas-suq ... 28
5.1. Sejbiet tar-rapport tal-ESMA ... 29
5.1.1. Rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-ESMA ... 30
6. Monitoraġġ, rapportar u verifika tal-emissjonijiet ... 30
6.1. Monitoraġġ tal-emissjonijiet ... 30
6.2. Akkreditament u verifika ... 31
6.3. Awtoritajiet kompetenti ... 32
6.4. Konformità u infurzar ... 33
7. Kollegament bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera ... 35
8. EU ETS fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija ... 40
9. Konklużjonijiet u prospettiva ... 41

# 1. Introduzzjoni

Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija pedament tal-politika tal-UE dwar il-klima. F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, din tpoġġi prezz tal-karbonju fuq l-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, mill-industrija li tuża ħafna enerġija u mill-avjazzjoni fl-Ewropa. Bl-użu tal-forzi tas-suq, l-EU ETS toħloq inċentiv sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fejn jiswa l-anqas li jsir dan. B'mod parallel, din tiġġenera dħul għall-investiment fl-azzjoni klimatika u fit-trasformazzjoni tal-enerġija.

Mit-tnedija tagħha fl-2005, l-EU ETS għenet sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana u mill-produzzjoni industrijali b'34,6 %[1]. Iġġenerat aktar minn EUR 100 biljun fi dħul mill-irkanti għad-distribuzzjoni lill-Istati Membri fl-2013-21. Madankollu, huwa meħtieġ aktar tnaqqis fl-emissjonijiet sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni klimatika ogħla stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[2]. Sabiex tintlaħaq in-newtralità klimatika sa nofs is-seklu, l-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet b'mill-anqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. L-EU ETS hija essenzjali sabiex jinkiseb dan.

F'Lulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett ta' riformi ta' politika sabiex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew[3], inkluża reviżjoni tal-EU ETS[4]. Il-Kummissjoni pproponiet li s-setturi koperti mis-sistema jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 61 % meta mqabbla mal-2005[5]. Għal dan il-għan, il-proposta ssaħħaħ il-limitu massimu fuq l-emissjonijiet u tgħolli aktar it-tnaqqis annwali tagħha. Hija tirriforma wkoll ir-regoli dwar l-għoti ta' kwoti bla ħlas lill-industrija u tneħħi gradwalment l-allokazzjoni bla ħlas għall-avjazzjoni. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-EU ETS sabiex tkopri l-emissjonijiet mit-trasport marittimu u sabiex tistabbilixxi sistema ġdida għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq u mill-bini. B'kollox, il-proposta tfittex li tiddelieġi aktar riżorsi lejn it-tranżizzjoni ekoloġika - billi timpenja lill-Istati Membri jinvestu d-dħul kollu mill-irkant fi proġetti relatati mal-klima u mal-enerġija u billi żżid ir-riżorsi tal-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qiesu l-proposta tal-Kummissjoni. Sa nofs l-2022, it-tnejn li huma adottaw pożizzjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-EU ETS, filwaqt li ressqu diversi emendi. Dan wassal għal negozjati interistituzzjonali bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li bdew f'Lulju 2022.

---

[1] L-emissjonijiet tal-ETS minn installazzjonijiet stazzjonarji fl-2021, mingħajr ir-Renju Unit, ġeneraturi tal-elettriku biss fl-Irlanda ta' fuq, meta mqabbla ma' valur aġġustat tal-2005 li għandu l-istess kamp ta' applikazzjoni.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999, ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

[3] Delivering the European Green Deal, DĠ Azzjoni Klimatika, 14.7.2021.

[4] COM/2021/551 final Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757, 14.7.2021.

[5] Bħalissa lleġiżlat f'livell ta' 43 % taħt il-livelli tal-emissjonijiet tal-2005.

Sadanittant, l-EU ETS tkompli tiffunzjona kif inhi lleġiżlata bħalissa. Fl-2021, is-sistema daħlet fir-raba' fażi tagħha (2021-30). B'dan, saru effettivi diversi bidliet fil-qafas tas-sistema. Il-limitu massimu fuq l-emissjonijiet jonqos kull sena b'rata ogħla ta' 2,2 %. Il-volum tal-kwoti allokati bla ħlas lill-industrija ġie aġġustat sabiex jirrifletti l-progress teknoloġiku u l-bidliet fil-produzzjoni. L-ewwel sejħiet għal proġetti taħt il-Fond għall-Innovazzjoni tlestew u ġew approvati l-ewwel deċiżjonijiet ta' żborż għall-investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. Il-kopertura tas-sistema ġiet aġġustata wkoll fl-2021 sabiex tirrifletti t-tluq tar-Renju Unit (UK) mill-UE.

Fl-2021, l-operazzjonijiet tal-installazzjonijiet koperti mill-EU ETS kienu għadhom qegħdin jirkupraw mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Minħabba l-ixprunar tal-irkupru, l-emissjonijiet żdiedu bi ftit mill-2020, iżda baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. Dan kien rifless f'żieda fid-domanda għall-kwoti fl-EU ETS u fi prezz ogħla tal-karbonju fl-2021.

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-karbonju wasslet biex xi partijiet ikkonċernati jiddubitaw jekk kienx hemm spekulazzjoni eċċessiva fl-EU ETS. Xi wħud esprimew ukoll dubji dwar jekk il-prezzijiet ogħla kinux qegħdin ikollhom effett fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Il-Kummissjoni indirizzat dan it-tħassib fil-Komunikazzjoni dwar l-indirizzar tal-prezzijiet tal-enerġija[6]. Hija kkonkludiet li l-effett ta' prezzijiet ogħla tal-gass fuq il-prezz tal-enerġija kien disa' darbiet akbar mill-effett ta' prezzijiet ogħla tal-karbonju. Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tanalizza l-imġiba fis-suq tal-karbonju. Ir-rapport finali tal-ESMA ppubblikat fl-2022 jiċħad pretensjonijiet ta' spekulazzjoni eċċessiva. L-ESMA kkonkludiet li s-suq tal-karbonju tal-UE kien qiegħed jiffunzjona tajjeb u li s-sinjal tal-prezz tal-karbonju kien konformi mal-prinċipji fundamentali tas-suq.

Dan ir-rapport iqis il-funzjonament tal-EU ETS fl-2021 u fl-ewwel nofs tal-2022. Jippreżenta ħarsa ġenerali aġġornata tal-kopertura u tal-infrastruttura tas-sistema u jipprovdi għarfien dwar l-elementi ewlenin tal-qafas tas-sistema. Ir-rapport huwa konformi mal-Artikolu 10(5) u l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva dwar l-EU ETS[7]. Huwa bbażat l-aktar fuq *data* mir-Reġistru tal-UE, mir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE (EUTL), kif ukoll fuq rapporti sottomessi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva dwar l-EU ETS.

## 2. Kopertura tal-ETS

Sa mill-bidu tal-fażi 4 (2021-30), l-EU ETS kopriet 27 Stat Membru tal-UE u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) - l-Iżlanda, il-Liechtenstein, u n-Norveġja (il-pajjiżi tal-EU ETS), kif ukoll impjanti tal-enerġija fl-Irlanda ta' Fuq[8]. Mill-1 ta' Jannar 2020, l-EU ETS hija marbuta mal-ETS tal-Iżvizzera.

B'kollox, l-EU ETS tirregola l-emissjonijiet minn aktar minn 8 757 impjant tal-enerġija u tas-sħana u installazzjonijiet tal-manifattura, kif ukoll madwar 371 operatur tal-inġenji tal-ajru li

---

[6] COM/2021/660 final – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ*, 13.10.2021.

[7] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

[8] Skont il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit.

jtiru bejn l-ajruporti taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u miż-ŻEE lejn l-Iżvizzera u r-Renju Unit. Dan jirrappreżenta madwar 36 % tal-emissjonijiet kollha tal-UE.

Bħal fis-snin preċedenti, il-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet koperti mill-EU ETS jarmu anqas minn 50 000 tunnellata ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju (ekwivalenti ta' $CO_2$) fis-sena[9] (70,5 %). Minn dawn, 4 725 huma kklassifikati bħala installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi[10] (54 % tat-total). 22 % tal-installazzjonijiet kollha jarmu bejn 50 000 u 500 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena[11], u 7,5 % tal-installazzjonijiet jarmu l-ogħla livell ta' emissjonijiet, aktar minn 500 000 ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena[12]. Il-pajjiżi tal-ETS irrapportaw li 199 installazzjoni ngħalqu fl-2021, l-aktar minħabba waqfien sħiħ tal-attivitajiet jew minħabba kapaċità mnaqqsa, u b'hekk l-installazzjoni kienet taħt il-limitu għall-kopertura fil-qafas tas-sistema[13].

L-Illustrazzjoni 1.1 fl-Appendiċi 1 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport turi d-diżaggregazzjoni tal-installazzjonijiet skont il-kategorija tal-emissjonijiet fl-2021.

F'xi setturi, l-installazzjonijiet li jaqbżu ċertu daqs u livell ta' produzzjoni biss huma inklużi fl-EU ETS. Il-pajjiżi jistgħu jeskludu installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi mis-sistema jekk jiġu stabbiliti miżuri alternattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet[14]. Mill-2021, huwa possibbli wkoll li jiġu esklużi installazzjonijiet mill-EU ETS li jarmu anqas minn 2 500 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$[15] kif ukoll unitajiet ta' riżerva jew ta' sostenn, li ma jaħdmux aktar minn 300 siegħa fis-sena[16].

Fl-2021, 14-il pajjiż għażlu li jeskludu installazzjonijiet mis-sistema, li jammontaw għal total ta' 4,9 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$. Dan kien jirrappreżenta 0,37 % tal-emissjonijiet mill-installazzjonijiet inklużi fl-EU ETS.

Sitt Stati Membri[17] komplew jippermettu lill-installazzjonijiet stazzjonarji jużaw pjanijiet ta' monitoraġġ simplifikati f'każijiet ta' riskju baxx fl-2021[18]. Għall-avjazzjoni, il-Belġju biss irrapporta li uża din id-dispożizzjoni għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi.

---

[9] Installazzjonijiet tal-Kategorija A.

[10] Subsett fi ħdan installazzjonijiet tal-Kategorija A, b'emissjonijiet ta' anqas minn 25 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena.

[11] Installazzjonijiet tal-Kategorija B.

[12] Installazzjonijiet tal-Kategorija C.

[13] Il-limitu tal-input termiku nominali totali ta' 20 MW.

[14] Skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar l-EU ETS.

[15] F'kull waħda mit-3 snin qabel in-notifika lill-Kummissjoni. L-emissjonijiet mill-bijomassa huma esklużi.

[16] Skont l-Artikolu 27a(3) tad-Direttiva dwar l-EU ETS.

[17] Dawn l-Istati Membri kienu d-Danimarka, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja, u n-Netherlands.

[18] Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar [ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012, ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1. Ir-Regolament ġie emendat fl-2020 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2085 u fl-2022 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/388. Ara l-verżjoni konsolidata].

Minbarra s-$CO_2$ mill-ġenerazzjoni tal-enerġija, mill-produzzjoni industrijali u mill-avjazzjoni, l-EU ETS tkopri l-ossidu nitruż ($N_2O$) mill-produzzjoni tal-aċidu nitriku, l-aċidu adipiku, l-aċidu gliossiliku u mill-produzzjoni gliossali, u l-perfluworokarburi (PFCs) mill-produzzjoni tal-aluminju. Fl-2021, 22 pajjiż irrapportaw permessi għal attivitajiet tal-ETS li jirrilaxxaw emissjonijiet mhux tas-$CO_2$. In-Norveġja biss iddikjarat attivitajiet għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju.

It-Tabella 1.1 fl-Appendiċi 1 tad-dokument ta' ħidma ta' akkumpanjament tal-persunal telenka l-pajjiżi li rrapportaw emissjonijiet mhux tas-$CO_2$ mill-attivitajiet tal-EU ETS fl-2021.

Fl-avjazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-operaturi regolati fl-2021 kienu operaturi kummerċjali (71 %, jew 262 operatur)[19]. Total ta' 160 operatur (43 %) ikkwalifikaw bħala emittenti żgħar.

## 3. Qafas tas-suq tal-karbonju

### 3.1. Limitu massimu fuq l-emissjonijiet

Il-limitu massimu fl-EU ETS jistabbilixxi l-kwantità assoluta massima ta' emissjonijiet li l-entitajiet regolati jistgħu jarmu. Dan jikkorrispondi għall-għadd ta' kwoti maħruġa matul fażi ta' negozjar. Il-limitu massimu jonqos kull sena sabiex jiġi żgurat li l-UE tilħaq il-mira ġenerali tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Jiġu applikati limiti separati għall-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji u minn operaturi tal-inġenji tal-ajru. Il-limitu massimu tal-2021 għall-emissjonijiet mill-installazzjonijiet stazzjonarji kien ta' 1 571 583 007 kwota. Għall-avjazzjoni, inħarġu 28 306 545 kwota fl-2021. Mill-2021, iż-żewġ limiti massimi naqsu b'rata ta' 2,2 % fis-sena[20]. Għal-limitu massimu fuq l-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji, dan huwa ekwivalenti għal 43 003 515-il kwota.

F'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva dwar l-EU ETS, l-installazzjonijiet stazzjonarji jistgħu jużaw ukoll kwoti tal-avjazzjoni għall-konformità mill-1 ta' Jannar 2021.

It-Tabella 1 turi ċifri annwali tal-limitu massimu tal-EU ETS mill-2013. Meta titqabbel din id-*data*, għandu jiġi nnotat li mill-2021, l-EU ETS ma għadhiex tkopri l-installazzjonijiet fir-Renju Unit. F'konformità mal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit[21] u mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit[22], il-ġeneraturi tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq jibqgħu fl-EU ETS bid-drittijiet u l-obbligi korrispondenti. L-EU ETS tkompli tkopri wkoll l-emissjonijiet minn titjiriet li jitilqu lejn ir-

[19] Eżempju ta' operatur ta' inġenju tal-ajru kummerċjali huwa linja tal-ajru tal-passiġġieri li tipprovdi servizzi lill-pubbliku. Eżempju ta' operatur ta' inġenju tal-ajru mhux kummerċjali huwa inġenju tal-ajru privat.

[20] Applikata mill-punt tan-nofs tal-perjodu bażi 2008-12.

[21] Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

[22] Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

Renju Unit. Il-limiti fuq l-emissjonijiet inbidlu sabiex jirriflettu dan[23].

*Tabella 1. Limitu massimu annwali fuq l-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji u għadd annwali ta' kwoti tal-avjazzjoni mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni (2013-21).*

| **Sena** | **Il-limitu massimu annwali (installazzjonijiet stazzjonarji)** | **Il-volum annwali tal-kwoti tal-avjazzjoni mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni** |
|---|---|---|
| 2013 | 2 084 301 856 | 32 455 296 |
| 2014 | 2 046 037 610 | 41 866 834 |
| 2015 | 2 007 773 364 | 50 669 024 |
| 2016 | 1 969 509 118 | 38 879 316 |
| 2017 | 1 931 244 873 | 38 711 651 |
| 2018 | 1 892 980 627 | 38 909 585 |
| 2019 | 1 854 716 381 | 38 830 950 |
| 2020 | 1 816 452 135 | 42 803 537 |
| 2021 | 1 571 583 007 | 28 306 545 |

L-Illustrazzjoni 1 turi l-bidliet fil-limitu massimu matul il-fażijiet kollha tal-EU ETS, inkluż it-tnaqqis ipproġettat sal-2030[24].

[23] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1722 tas-16 ta' Novembru 2020 dwar il-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu mal-Unjoni kollha skont l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet għall-2021, ĠU L 386, 18.11.2020, p. 26.

[24] Skont il-mira li hija lleġiżlata bħalissa sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu bi 43 % sal-2030 meta mqabbla mal-2005.




*Illustrazzjoni 1. Limitu massimu tal-emissjonijiet stabbilit fl-EU ETS, meta mqabbel mal-emissjonijiet ivverifikati. Didaskalija: kolonni (limitu), kolonni ċari fl-2014-16 (kwoti kkonċentrati fl-aħħar tal-perjodu fil-fażi 3), kolonni ċari mill-2019 (għotjiet tal-kwoti għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq), linja miksura (emissjonijiet ivverifikati).*

### 3.2. Irkantar ta' kwoti

L-irkantar jibqa' l-metodu primarju tad-distribuzzjoni tal-kwoti fil-fażi 4 tal-EU ETS, li jammonta għal 57 % tal-limitu massimu. Ir-Regolament dwar l-Irkantar[25] jistabbilixxi regoli sabiex jiġi żgurat li l-irkantijiet isiru b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. Dan jispeċifika t-twaqqit, l-amministrazzjoni u aspetti oħrajn tal-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet.

Fl-2021, l-irkantijiet komplew isiru permezz tal-European Energy Exchange AG (EEX):

- bħala l-pjattaforma komuni tal-irkant għall-25 Stat Membru li jipparteċipaw fi proċedura ta' akkwist konġunt,
- għall-Polonja, li għażlet li toħroġ mill-proċedura ta' akkwist konġunt iżda li għadha ma ħatritx il-pjattaforma tal-irkant tagħha stess,
- għall-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja wara li l-Ftehim taż-ŻEE ġie emendat fl-2019 sabiex jippermettilhom jipparteċipaw fil-Ftehim Konġunt tal-Akkwist għall-pjattaforma komuni tal-irkant,
- għar-Renju Unit sabiex jirkanta kwoti għall-ġeneraturi tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq.

L-EEX wettqet irkantar għall-Ġermanja wkoll bħala l-pjattaforma tal-irkant ta' "nonparteċipazzjoni".

L-EEX inħatret mill-ġdid bħala l-pjattaforma komuni tal-irkant mill-2021, mingħajr bidliet kbar fil-parteċipazzjoni fl-irkantijiet. B'kollox, fl-2021 saru 230 irkant u 109 saru fl-ewwel nofs tal-2022. It-Tabella 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-volumi annwali ta' kwoti rkantati mill-EEX mill-fażi 3.

*Tabella 2. Volumi totali tal-kwoti irkantati (2013-21).*

| Sena | Kwoti ġenerali | Kwoti tal-avjazzjoni |
|---|---|---|
| 2013 | 808 146 500 | 0 |
| 2014 | 528 399 500 | 9 278 000 |
| 2015 | 632 725 500 | 16 390 500 |
| 2016 | 715 289 500 | 5 997 500 |
| 2017 | 951 195 500 | 4 730 500 |
| 2018 | 915 750 000 | 5 601 500 |
| 2019 | 588 540 000 | 5 502 500 |
| 2020 | 778 505 000 | 7 505 000 |
| 2021 | 582 952 500 | 3 785 500 |

[25] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

Fl-2021, ma ġew ikkanċellat l-ebda rkantijiet. Madankollu, fil-bidu tal-2022, ġew ikkanċellati żewġ irkantijiet. Fl-1 ta' Frar, l-irkant għall-pjattaforma komuni tal-irkant ġie kkanċellat minħabba problema teknika. F'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Irkantar, il-volum korrispondenti tal-kwoti mbagħad tqassam matul l-erba' irkantijiet sussegwenti. Fit-2 ta' Marzu, l-irkant għall-Polonja ġie kkanċellat peress li l-volum totali tal-offerta ma laħaqx il-volum tal-kwoti rkantati. L-irkant ġie kkanċellat f'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar l-Irkantar, u għal darb'oħra l-volum tqassam matul l-erba' irkantijiet li kien imiss.

L-Illustrazzjoni 2 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-prezzijiet mill-ikklerjar f'irkant fis-suq tal-karbonju tal-UE mill-2013 sa Settembru 2022.




*Illustrazzjoni 2. Prezzijiet mill-ikklerjar f'irkantijiet tal-kwoti ġenerali (l-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Settembru 2022).*

Il-pjattaformi tal-irkant jippubblikaw regolarment riżultati dettaljati ta' kull irkant fuq is-siti web tagħhom. Aktar informazzjoni dwar it-twettiq tal-irkantijiet, inkluż dwar il-parteċipazzjoni, il-proporzjon ta' kopertura u l-prezzijiet, tista' tinstab fir-Rapporti tal-Irkanti tal-pajjiżi tal-ETS[26].

3.3. Allokazzjoni bla ħlas

Għalkemm l-irkantar huwa l-metodu primarju għad-distribuzzjoni tal-kwoti fl-EU ETS, volum sinifikanti ta' kwoti huwa allokat bla ħlas sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta'

[26] Rapporti tal-Irkantijiet, DĠ Azzjoni Klimatika, 30.6.2022.

rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju[27]. Din hija miżura tranżizzjonali.

Lista speċifika tar-Rilokazzjoni tal-Emissjonijiet tal-Karbonju tidentifika setturi b'riskju ogħla ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li huma eliġibbli sabiex jirċievu allokazzjoni bla ħlas. Il-lista għall-fażi 4[28] tidentifika 63 settur u sottosettur li jkopru madwar 94 % tal-emissjonijiet industrijali fl-EU ETS.

L-allokazzjoni bla ħlas għal setturi speċifiċi hija bbażata fuq parametri referenzjarji ta' prestazzjoni. Il-parametri referenzjarji jirriflettu l-intensità medja tal-emissjonijiet għal kull unità ta' prodott tal-10 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'kull settur. Il-parametri referenzjarji jitnaqqsu b'mod inkrementali sabiex jissaħħaħ l-inċentiv għad-dekarbonizzazzjoni u għall-avvanz tal-innovazzjoni. Fl-2021, il-Kummissjoni aġġornat il-valuri tal-parametri referenzjarji tal-ETS[29]. Dawn japplikaw fl-ewwel perjodu ta' allokazzjoni fil-fażi 4, 2021-25.

B'kollox, 31 minn 54 parametru referenzjarju tnaqqsu bir-rata massima ta' 24 %. Il-bqija tnaqqsu f'firxa ta' 3 sa 24 %[30]. Dan jirrifletti l-progress li sar mill-biċċa l-kbira tas-setturi industrijali fit-tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet għal kull unità ta' prodott f'dawn l-aħħar snin. Il-Kummissjoni ppubblikat skeda informattiva sabiex takkumpanja d-deċiżjoni, li tagħti dettalji dwar l-ipproċessar u l-analiżi tad-*data* li tirfed l-aġġornament tal-parametri referenzjarji[31].

Mill-fażi 4, il-volum tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi aġġustat abbażi ta' regoli riveduti[32], meta jseħħu bidliet fil-produzzjoni industrijali. Il-limitu għall-aġġustamenti huwa stabbilit għal żieda jew tnaqqis fil-produzzjoni ta' 15 %. L-operaturi huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali dwar id-*data* tal-produzzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, jistgħu jsiru aġġustamenti fil-volum tal-allokazzjoni bla ħlas maħruġa.

Meta wieħed iqis l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, din l-istrettezza wasslet għal żieda fl-għadd ta' aġġustamenti annwali għall-volum ta' allokazzjonijiet bla ħlas. Fl-

[27] Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tista' sseħħ jekk l-attivitajiet regolati mill-ETS jiġu mċaqilqa lejn pajjiżi mhux tal-UE b'politiki klimatiċi anqas ambizzjużi, li b'hekk iwassal għal żieda fl-emissjonijiet ġenerali tal-gassijiet serra.

[28] Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/708 tal-15 ta' Frar 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-determinazzjoni ta' setturi u sottosetturi meqjusa li jinsabu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu 2021-2030 ĠU L 120, 8.5.2019, p. 20.

[29] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 87, 15.3.2021, p. 29.

[30] Ir-rata massima annwali ta' tnaqqis ta' 1,6 % applikata għal perjodu ta' 15-il sena, mill-2007-08, meta nkisbet id-*data* oriġinali għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju, sal-2023, f'nofs l-ewwel perjodu ta' allokazzjoni fil-fażi 4.

[31] Skeda informattiva - aġġornament tal-valuri referenzjarji għall-2021-2025, il-fażi 4 tal-EU ETS, DĠ Azzjoni Klimatika, 12.10.2021.

[32] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività ĠU L 282, 4.11.2019, p. 20.

2021 ġew sottomessi madwar 3 700 applikazzjoni, tliet darbiet aktar mill-medja annwali fil-fażi 3.

Il-volum inizjali ta' allokazzjoni bla ħlas għall-2021-25 kien ġie stabbilit għal 2 791 miljun kwota, għal 7 430 installazzjoni. Sa nofs l-2022, il-Kummissjoni adottat ħames deċiżjonijiet sabiex taġġusta l-volum tal-allokazzjoni bla ħlas[33]. B'riżultat ta' dan, il-volum tnaqqas b'77,5 miljun kwota. Madankollu, b'mod parallel, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet[34] li jikkoreġu l-volum inizjali tal-allokazzjoni bla ħlas u li jżidu 3,3 miljun kwota. Dan kien meħtieġ minħabba żbalji li nstabu fid-*data* sottomessa mill-installazzjonijiet u sabiex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet tal-qorti.

L-aġġustamenti għal-livell ta' allokazzjoni bla ħlas isiru mir-Riżerva għal Entranti Ġodda (NER). Dawn l-aġġustamenti jinkludu wkoll bidliet fl-allokazzjoni minħabba l-ftuħ jew l-għeluq tal-installazzjonijiet. Il-volum inizjali tan-NER fil-bidu tal-fażi 4 ammonta għal 331,3 miljun kwota. Dan kien jinkludi kwoti mhux allokati mill-fażi 3 u 200 miljun kwota mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

It-Tabella 3 tiġbor fil-qosor il-livelli annwali ta' allokazzjoni bla ħlas fl-ewwel perjodu tal-fażi 4 (2021-25) – kemm il-livelli inizjali kif ukoll dawk aġġustati.

*Tabella 3. Allokazzjoni bla ħlas fl-ewwel perjodu tal-fażi 4 (2021-25).*

| **Sena** | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Allokazzjoni bla ħlas inizjali (EU-27 + l-Iżlanda, il-Liechtenstein, u n-Norveġja)** | 559,6 | 558,9 | 558,2 | 557,5 | 556,8 | 2 791,1 |
| **Allokazzjoni bla ħlas attwali** | 545,0 | 544,1 | 543,3 | 542,6 | 541,9 | 2 716,8 |
| **Allokazzjoni bla ħlas aġġustata u kkoreġuta** | -14,6 | -14,8 | -14,9 | -14,9 | -14,9 | -74,2 |

### *3.3.1. Deroga minn irkantar sħiħ għall-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana*

L-Artikolu 10c tad-Direttiva tal-EU ETS jidderoga mir-regola ġenerali tal-irkantar tal-kwoti. L-Istati Membri eliġibbli[35] jistgħu jagħtu kwoti lis-settur tal-elettriku u tas-sħana sabiex jappoġġaw l-investiment fil-modernizzazzjoni u fid-diversifikazzjoni. Il-kwoti skont l-

[33] L-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles adottat ukoll Deċiżjonijiet għall-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

[34] L-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles adottat ukoll Deċiżjonijiet għall-Iżlanda, għal-Liechtenstein u għan-Norveġja.

[35] L-Istati Membri eliġibbli jinkludu l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

Artikolu 10c jitnaqqsu mill-kwantità li l-Istat Membru kieku kien jirkanta. Madankollu, l-iskemi nazzjonali stabbiliti sabiex jimplimentaw id-deroga tal-Artikolu 10c jeħtieġu approvazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat.

L-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva dwar l-EU ETS tibqa' disponibbli fil-fażi 4, iżda b'dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom dwar it-trasparenza u l-proċess tal-għażla. Inkella, l-Istati Membri eliġibbli setgħu jiddeċiedu li jirkantaw l-allokazzjoni kollha tagħhom tal-Artikolu 10c jew parti minnha jew li jużawha sabiex jiffinanzjaw investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni.

Il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija biss ikomplu jużaw l-Artikolu 10c fil-fażi 4, iżda għadhom fil-proċess li jfasslu oqfsa nazzjonali sabiex jimplimentaw din id-dispożizzjoni. Dawn jeħtieġ li jiġu approvati mill-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Sadanittant, il-Bulgarija talbet, f'konformità mal-Artikolu 14f tar-Regolament dwar l-Irkantar, li tirkanta porzjonijiet tal-kwoti tal-Artikolu 10c tagħha mwarrbin għall-2021 u l-2022.

Stati Membri oħrajn[36] eliġibbli sabiex jużaw id-deroga tal-Artikolu 10c għażlu fl-2020 li jew jirkantaw dawn il-kwoti jew jittrasferixxuhom għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. It-Tabella 2.5 tal-Appendiċi 2 għad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament turi l-għadd totali ta' kwoti fil-Fond għall-Modernizzazzjoni għal kull Stat Membru benefiċjarju fil-fażi 4.

### 3.4. Dħul mill-irkant

L-irkantar tal-kwoti jiġġenera dħul sostanzjali għall-Istati Membri x'jonfqu fuq l-azzjoni klimatika, it-trasformazzjoni tal-enerġija u l-innovazzjoni teknoloġika. Prezz ogħla tal-karbonju jissarraf fi dħul ogħla. Porzjon ta' kwoti fil-fażi 4 jiġi rkantat għall-fini tal-provviżjonament tal-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni.

Id-Direttiva tal-EU ETS tirrikjedi li l-Istati Membri għandhom jużaw mill-anqas 50 % tad-dħul mill-irkant tagħhom[37], u d-dħul kollu mill-avjazzjoni, għal finijiet relatati mal-klima u l-enerġija. L-Istati Membri jirrapportaw kull sena dwar kif jonfqu d-dħul tagħhom mill-irkant.

Id-dħul totali mill-irkant fit-18-il xahar mill-2020 (Jannar 2021 – Ġunju 2022) kien jammonta għal EUR 51,7 biljun[38]. Fl-2021 biss, l-irkantijiet iġġeneraw dħul ta' aktar minn EUR 31 biljun. Dan ifisser li d-dħul kważi rdoppja mill-2020. Mid-dħul tal-2021, EUR 25 biljun marru direttament għall-Istati Membri[39].

Bħala medja, l-Istati Membri rrapportaw li nefqu 76 % tad-dħul mill-irkant fuq proġetti relatati mal-klima u l-enerġija fl-2021 (EUR 19,4-il biljun). Dan huwa konformi mal-medja ta' 75 % fil-fażi 3. Il-biċċa l-kbira tad-dħul intnefaq fuq proġetti tal-enerġija rinnovabbli (30

[36] Dawn l-Istati Membri jinkludu Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, Malta, il-Latvja, il-Litwanja, u l-Polonja.

[37] Inklużi l-kwoti distribwiti għall-finijiet ta' solidarjetà u tkabbir.

[38] Dħul iġġenerat mill-Istati Membri, mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

[39] Id-differenza li jifdal tammonta għad-dħul miġbur fil-qafas tal-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni, kif ukoll għad-dħul imqassam lill-Iżlanda, lil-Liechtenstein u lin-Norveġja.

%) u tat-trasport (20 %). Barra minn hekk, l-Istati Membri ffinanzjaw proġetti dwar l-effiċjenza enerġetika, proġetti domestiċi u internazzjonali, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp. Ġie rrapportat li madwar 25 % iffinanzjaw miżuri oħrajn li jnaqqsu l-emissjonijiet. Dawn jinkludu miżuri li l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw sabiex itaffu l-impatti tal-kriżi tal-enerġija eż. ħelsien mit-taxxa u appoġġ soċjali. Analiżi dettaljata tar-rapportar tal-Istati Membri dwar dan l-infiq tista' tinstab fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika 2022[40].

### *3.4.1. NER 300*

L-NER 300 iffinanzjat mill-EU ETS kien programm ta' finanzjament fuq skala kbira għal proġetti innovattivi ta' dimostrazzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju stabbilit għall-fażi 3. L-għan kien li jintwerew ġbir u ħżin tal-karbonju sikuri għall-ambjent u teknoloġiji innovattivi ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kummerċjali. Il-programm ġabar flimkien ir-riżorsi mill-irkantar ta' 300 miljun kwota mir-Riżerva għal Entranti Ġodda. Il-finanzjament ingħata lill-proġetti magħżula wara żewġ sensiliet ta' sejħiet għal proposti f'Diċembru tal-2012 u f'Lulju tal-2014. Il-proġetti għadhom qegħdin jiġu implimentati.

B'kollox, 38 proġett tal-enerġija rinnovabbli u proġett wieħed ta' ġbir u ħżin tal-karbonju f'20 Stat Membru ngħataw appoġġ mill-NER 300, li ammonta għal EUR 2,1 biljun. Sat-30 ta' Settembru 2022, daħlu fis-seħħ ħdax-il proġett. Tliet proġetti huma meqjusa bħala kompluti: il-proġett tal-bijoenerġija *BEST* fl-Italja, il-proġett eoliku fuq l-art *Windpark Blaiken* fl-Iżvezja u l-proġett tal-bijoenerġija *Verbiostraw* fil-Ġermanja. Il-proġetti li jifdal għadhom qegħdin jiġu mmonitorjati fil-qafas tal-programm: il-proġett eoliku fuq l-art *Windpark Handalm* fl-Awstrija, il-proġetti eoliċi lil hinn mill-kosta *Veja Mate* u *Nordsee One* fil-Ġermanja, il-proġett tal-grilja intelliġenti *Puglia Active Network* fl-Italja, il-proġett ta' teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta galleġġanti *Vertimed* fi Franza u *Windfloat* fil-Portugall, il-proġett ta' konċentrazzjoni tal-enerġija solari *Minos* fil-Greċja u l-proġett tal-bijoenerġija *TORR* fl-Estonja.

Minħabba diffikultajiet fl-iżgurar tal-kofinanzjament (settur privat jew pubbliku) kif ukoll minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi u ta' politika ta' sfida, 28 proġett ma setgħux jiġbru biżżejjed fondi addizzjonali u kellhom jiġu rtirati mill-programm. B'riżultat ta' dan, saru disponibbli aktar minn EUR 1,6 biljun.

Fondi mhux minfuqa mill-NER 300 qegħdin jiġu riallokati. Il-fondi mhux minfuqa fl-ewwel sessjoni ta' sejħiet għal proposti (bħalissa EUR 724,8 miljun) jiġu investiti mill-ġdid fil-qafas ta' strumenti finanzjarji eżistenti ġestiti mill-Bank Ewropew tal-Investiment[41]. Fil-qafas tal-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tal-Enerġija InnovFin (InnovFin EDP), il-proġetti jridu jiġu approvati sa tmiem l-2022. Kemm fil-qafas tal-appoġġ konsultattiv finanzjarju ta' InnovFin

[40] COM(2022) 514 final - Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Aċċellerar tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għas-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa Rapport tal-Progress tal-Azzjoni Klimatika tal-UE* 26.10.22.

[41] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2172 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/670/UE rigward l-użu ta' dħul mhux imqassam mill-ewwel serje ta' sejħiet għal proposti, ĠU L 306, 22.11.2017, p. 24.

għall-Enerġija kif ukoll fil-qafas tal-Istrument ta' Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF DI), il-proġetti jridu jiġu approvati sa tmiem l-2023.

It-Tabella 2.4. fl-Anness 2 tad-dokument ta' ħidma ta' akkumpanjament tal-persunal jipprovdi aktar dettalji dwar il-proġetti appoġġati fil-qafas tal-InnovFin EDP u s-CEF DI minn Ġunju 2020.

Il-mekkaniżmu ta' finanzjament imħallat diġà qiegħed juri li huwa effettiv. Pereżempju, fil-qafas tal-appoġġ konsultattiv finanzjarju ta' InnovFin għall-Enerġija, diġà tlestew għaxar proġetti u qegħdin jiġu implimentati aktar. Dawn huma prinċipalment proġetti tal-enerġija rinnovabbli (l-oċeani, l-enerġija solari kkonċentrata u l-idroġenu) kif ukoll proġetti tal-qbid u l-użu/il-ħżin tal-karbonju.

Il-fondi li jifdal mhux minfuqa mill-NER 300 jiġu mgħoddija lill-Fond għall-Innovazzjoni. Dan jinkludi fondi mhux minfuqa mit-tieni serje ta' sejħiet għal proposti u fondi rritornati mill-Istati Membri minħabba proġetti li fallew. Sa issa, ġew ittrasferiti EUR 770,2 miljun lill-Fond għall-Innovazzjoni.

### *3.4.2. Fond għall-Innovazzjoni*

Il-Fond għall-Innovazzjoni fil-qafas tal-EU ETS għandu l-għan li jiffinanzja d-dimostrazzjoni kummerċjali ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u soluzzjonijiet industrijali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji Ewropej b'użu intensiv tal-enerġija, kif ukoll l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija, u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju. Għall-perjodu 2020-30, il-fond huwa stmat li jiġbor madwar EUR 33,8 biljun[42] mill-irkantar ta' 450 miljun kwota. Dan jagħmlu wieħed mill-akbar programmi ta' finanzjament ta' għotjiet fid-dinja, iffinanzjat 100 % mill-EU ETS.

Mill-2020, il-Kummissjoni flimkien mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) nediet erba' sejħiet għal proposti fil-qafas tal-Fond għall-Innovazzjoni. Tnejn minn dawn is-sejħiet għal proposti tlestew fl-2021.

Fil-qafas tal-ewwel sejħa għal proġetti fuq skala kbira[43], seba' proposti f'sitt Stati Membri ngħataw għotjiet[44]. B'kollox, ingħataw EUR 1 145 miljun f'appoġġ għal proġetti f'setturi differenti tal-ETS, jiġifieri sustanzi kimiċi, azzar, siment, raffineriji, u enerġija u sħana. Fil-qafas tal-ewwel sejħa għal proposti fuq skala żgħira[45], 30 proġett irċevew għotjiet għal volum totali ta' EUR 109 miljun. Dawn se jikkontribwixxu għal azzjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni fi 11-il Stat Membru[46] flimkien mal-Iżlanda u n-Norveġja. B'kollox, il-proġetti għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet b'77,4 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$ matul l-ewwel 10 snin tat-

[42] Il-baġit totali stmat abbażi tal-prezz tal-karbonju ta' EUR 75 għal kull tunnellata.

[43] Overview of the first call for large-scale project proposals & next steps, DĠ Azzjoni Klimatika, 30.6.2022.

[44] Il-proġetti jinsabu fil-Belġju, fil-Finlandja, fi Franza, fl-Italja, fi Spanja u fl-Iżvezja.

[45] Overview of the first call for small-scale project proposals, DĠ Azzjoni Klimatika, 30.6.2022.

[46] Il-proġetti se jikkontribwixxu għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Awstrija, tal-Kroazja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Irlanda, tal-Italja, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, ta' Spanja, u tal-Iżvezja.

tħaddim tagħhom. Dan it-tnaqqis huwa mistenni li jibda jidħol fis-seħħ diġà fl-2023 bl-ewwel proġetti li jibdew joperaw.

F'Lulju 2022, intgħażlu minn qabel 17-il proġett għat-tħejjija ta' ftehim ta' għotja fil-qafas tat-tieni sejħa għal proposti fuq skala kbira. Total ta' EUR 1,8 biljun se jiffinanzja l-innovazzjoni fis-siment, fl-idroġenu, fis-sustanzi kimiċi, fis-setturi tal-manifattura u oħrajn, filwaqt li javvanza l-azzjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni f'disa' pajjiżi tal-ETS[47]. Fil-31 ta' Awwissu 2022, għalqet it-tieni sejħa għal proġetti fuq skala żgħira, b'66 proposta li waslu u l-evalwazzjoni għadha għaddejja.

B'mod parallel, intgħażlu 25 proġett li ma rnexxewx mill-ewwel żewġ sejħiet (kemm fuq skala kbira kif ukoll fuq skala żgħira) għall-assistenza fl-iżvilupp tal-proġetti fil-qafas tal-Fond għall-Innovazzjoni. Dan l-appoġġ jammonta għal EUR 6,1 miljun u huwa pprovdut mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

Fit-3 ta' Novembru 2022, tnediet it-tielet sejħa għal proġetti fuq skala kbira[48], b'baġit bla preċedent ta' EUR 3 biljun. Din se tiffoka speċifikament fuq oqsma ta' proġetti marbuta mal-Pjan tal-UE dwar ir-REPowerEU[49] – l-idroġenu u l-elettrifikazzjoni, il-manifattura ta' teknoloġija nadifa u l-proġetti pilota ta' daqs medju.

Il-Kummissjoni tirrapporta separatament f'aktar dettall dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni. L-ewwel Rapport ta' Progress[50] ġie adottat fis-26 ta' Awwissu 2022.

#### 3.4.3. *Fond għall-Modernizzazzjoni*

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni fil-qafas tal-EU ETS huwa wieħed mill-mekkaniżmi ta' solidarjetà tas-sistema – huwa jappoġġa l-investimenti ta' dekarbonizzazzjoni f'għaxar Stati Membri bi dħul aktar baxx[51]. Fil-perjodu 2021-30, huwa mistenni li jiġbor madwar EUR 48,2 biljun[52] mill-irkantar ta' aktar minn 643 miljun kwota[53]. Mill-anqas 70 % ta' dawn ir-riżorsi għandhom jappoġġaw investimenti ta' prijorità li jgħinu lill-Istati Membri benefiċjarji javvanzaw it-tranżizzjoni tagħhom għan-newtralità klimatika.

---

[47] Il-proġetti se jikkontribwixxu għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni ta' seba' Stati Membri (il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, il-Polonja, u l-Iżvezja), flimkien mal-Iżlanda u n-Norveġja.

[48] Third call for large-scale projects, DĠ Azzjoni Klimatika, 3.11.2022.

[49] COM/2022/230 final – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Il-Pjan REPowerEU*, 18.5.2022.

[50] COM(2022) 416 final - Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, inkluż ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, 26.8.2022.

[51] L-Istati Membri benefiċjarji jinkludu l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

[52] Il-baġit totali stmat abbażi tal-prezz tal-karbonju ta' EUR 75 għal kull tunnellata.

[53] Dan l-għadd jinkludi kwoti ttrasferiti lill-Fond għall-Modernizzazzjoni mill-Istati Membri mill-ġbir rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 10(2b) u l-Artikolu 10c tad-Direttiva dwar l-EU ETS – il-mekkaniżmi l-oħrajn ta' solidarjetà tal-EU ETS. Il-volum inizjali tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jammonta għal kważi 276 miljun kwota.

Il-fond sar operazzjonali f'Jannar 2021 u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri benefiċjarji bdew jimplimentawh domestikament minn dak iż-żmien. Total ta' EUR 3,3 biljun mill-fond sar disponibbli għall-Kroazja, għaċ-Ċekja, għall-Estonja, għall-Ungerija, għall-Litwanja, għall-Polonja, għar-Rumanija u għas-Slovakkja. Dawn ir-riżorsi jkopru 71 investiment, inkluż titjib fl-effiċjenza enerġetika f'setturi differenti (il-Litwanja, il-Polonja), f'installazzjonijiet fotovoltajċi (iċ-Ċekja, ir-Rumanija), fil-ħżin tal-enerġija (l-Ungerija) u fil-modernizzazzjoni tal-grilji tal-enerġija (is-Slovakkja).

L-ewwel sensiela ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni hija diġà disponibbli. Dan jinkludi r-Rapport Annwali tal-Kumitat tal-Investiment[54] u r-rapportar nazzjonali tal-Istati Membri[55].

### *3.4.4. Kumpens għall-kostijiet indiretti tal-karbonju*

L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat sabiex jikkumpensaw għal xi industriji li jużaw ħafna enerġija għall-kostijiet tal-karbonju li jirriżultaw minn emissjonijiet indiretti, b'mod speċifiku minn prezzijiet tal-elettriku ogħla minħabba ġeneraturi tal-enerġija li jgħaddu l-kost tax-xiri ta' kwoti lill-konsumaturi. Sabiex tiġi armonizzata l-implimentazzjoni ta' kumpens għall-kost indirett tal-karbonju madwar l-Istati Membri u sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni adottat il-linji gwida tal-Għajnuna mill-Istat tal-EU ETS. Dawn il-linji gwida l-ewwel applikaw għall-kostijiet indiretti mġarrba mill-2013 sal-2020[56]. Il-linji gwida ġew riveduti fl-2020 sabiex ikopru l-perjodu 2021-2030[57].

Fl-2021, l-Istati Membri ħallsu kumpens għall-kostijiet indiretti mġarrba mill-installazzjonijiet fl-2020. Dawn għadhom jaqgħu fil-qafas tal-linji gwida preċedenti dwar l-għajnuna mill-Istat. Id-*data* dwar il-kumpens għall-kostijiet indiretti mġarrba fl-2021 għadha ma hijiex disponibbli. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li għażlu li jibdew jew ikomplu jikkumpensaw għall-kostijiet indiretti lil hinn mill-2021 diġà nnotifikaw l-iskemi tagħhom lill-Kummissjoni u rċevew l-approvazzjoni għall-għajnuna mill-Istat skont il-linji gwida riveduti. Ir-rapport tas-sena d-dieħla se jkun l-ewwel wieħed li jiddokumenta l-kumpens għall-kostijiet indiretti mħallas skont il-linji gwida l-ġodda.

Hekk kif il-prezz tal-karbonju żdied, l-istess għamlu l-kostijiet indiretti. B'riżultat ta' dan, aktar Stati Membri għażlu li jikkumpensaw għall-kostijiet indiretti. Fl-2021, iċ-Ċekja u l-Italja ħallsu kumpens għall-ewwel darba, u b'hekk l-għadd totali ta' Stati Membri bi skemi ta' kumpens tela' għal 14.

Fi żmien 3 xhur mit-tmiem ta' kull sena, l-Istati Membri bi skema ta' kumpens għall-kostijiet indiretti fis-seħħ huma meħtieġa jippubblikaw il-kumpens totali mħallas, inkluża

54 Il-Fond għall-Modernizzazzjoni – Ir-Rapport Annwali tal-Kumitat tal-Investiment 2021, DĠ Azzjoni Klimatika, 15.3.2022.

55 Il-Fond għall-Modernizzazzjoni – Ir-Rapporti annwali tal-Istati Membri benefiċjarji għall-2021, DĠ Azzjoni Klimatika, 30.6.2022.

56 Il-linji gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2012, ĠU C 158, 5.6.2012, p. 4.

57 Il-linji gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021, ĠU C 317, 25.9.2020, p. 5.

diżaggregazzjoni għal kull settur u sottosettur riċevitur. It-Tabella 4 tiġbor fil-qosor id-*data* ppubblikata mill-Istati Membri dwar il-kumpens imħallas fl-2021 (għall-kostijiet indiretti mġarrba fl-2020). L-ammonti ta’ kumpens jitqabblu wkoll mad-dħul mill-irkant tal-2020[58].

*Tabella 4. Kumpens imħallas fl-2021 għall-kostijiet indiretti mġarrba fl-2020.*

| Stat Membru | Kumpens imħallas għall-kostijiet indiretti mġarrba fl-2020 [f’miljuni ta’ EUR] | Għadd ta’ riċevituri | Dħul mill-irkant fl-2020 [f’miljuni ta’ EUR] | Sehem tad-dħul mill-irkant li jintefaq fuq il-kumpens tal-kostijiet indiretti |
|---|---|---|---|---|
| BE (FL) | 137,1 | 108 | 353,0 | 44,5 % |
| BE (WL) | 20,0 | 34 | | |
| CZ | 41,5 | 30 | 718,1 | 5,8 % |
| DE | 833,0 | 893 | 2 641,8 | 31,5 % |
| EL | 68,3 | 50 | 501,2 | 13,6 % |
| ES | 179,0 | 210 | 1 222,3 | 14,6 % |
| FI | 106,3 | 59 | 218,2 | 48,7 % |
| FR | 391,0 | 325 | 714,7 | 54,7 % |
| IT | 90,0 | 187 | 1 274,6 | 7,1 % |
| LT | 1,0 | 1 | 86,3 | 1,2 % |
| LU | 15,9 | 3 | 16,8 | 94,9 % |
| NL | 172,2 | 92 | 437,3 | 39,4 % |
| PL | 183,3 | 70 | 3 155,4 | 5,8 % |
| RO | 131,8 | 43 | 801,3 | 16,4 % |
| SK | 11,0 | 10 | 241,9 | 4,6 % |

Il-kumpens totali tal-kostijiet indiretti mħallas mill-14-il Stat Membru fl-2021 ammonta għal madwar EUR 2,38 biljun. Dan huwa kważi EUR 1 biljun aktar mill-2020[59]. Dan huwa dovut l-aktar għaż-żieda fil-prezz tal-karbonju użat għall-kalkolu tal-kumpensi. Il-prezz tal-karbonju użat għall-2021 kien ta’ EUR 25,20, li żdied minn EUR 16,15 użat għall-2019. Il-biċċa l-kbira tal-iskemi ma għandhomx baġit fiss iżda jikkumpensaw sa massimu ddettat mill-kostijiet indiretti tal-karbonju imġarrba u l-limiti stabbiliti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat. Ġeneralment, l-Istati Membri li ma għandhomx limitu massimu fiss fuq l-iżborż, bħal-Litwanja jew is-Slovakkja, iħallsu anqas kumpens.

Il-kumpens għall-kostijiet indiretti żdied ukoll f’termini relattivi. Il-kumpens totali għall-kostijiet indiretti mġarrba fl-2020 kien jikkostitwixxi 19,2 % tad-dħul mill-irkant tal-2020 miġbur mill-14-il Stat Membru. Fl-2021, nefqu bħala medja 27,3 % tad-dħul mill-irkant tagħhom sabiex jikkumpensaw għall-kostijiet indiretti tal-karbonju.

58 Eskluż id-dħul mill-irkantar tal-kwoti tal-avjazzjoni.

59 Fl-2020, l-Istati Membri ħallsu kumpens għall-kostijiet indiretti mġarrba fl-2019.

L-Istati Membri li jonfqu aktar minn 25 % tad-dħul mill-irkant tagħhom fuq il-kumpens għall-kostijiet indiretti fi kwalunkwe sena huma meħtieġa wkoll jippubblikaw rapport li jispjega għaliex qabżu dan il-limitu. Fl-2021, sitt Stati Membri nefqu aktar minn 25 % tad-dħul mill-irkant tagħhom fuq kumpens għall-kostijiet indiretti: il-Lussemburgu, il-Finlandja, Franza, il-Belġju, in-Netherlands u l-Ġermanja. Dan kien prinċipalment minħabba li ż-żieda fil-prezz tal-karbonju (u għalhekk il-kostijiet indiretti mġarrba) kienet relattivament ogħla miż-żieda fid-dħul mill-irkant, filwaqt li r-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għadha qiegħda tnaqqas il-volumi tal-irkant. Is-sehem tal-emissjonijiet mill-industriji intensivi fl-enerġija f'xi wħud mill-14-il Stat Membru żdied ukoll meta mqabbel mal-emissjonijiet storiċi tagħhom li jifformaw il-bażi għall-kalkolu tal-ishma tal-irkant tagħhom.

### 3.5. Tnaqqis tal-emissjonijiet fl-EU ETS

Fl-2021, l-emissjonijiet mill-installazzjonijiet stazzjonarji ammontaw għal 1 335 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$. Dan huwa 6,6 % ogħla mill-emissjonijiet fl-2020, iżda xorta 5,6 % anqas mill-2019[60].

Sal-lum, it-tnaqqis tal-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji kien xprunat l-aktar mis-settur tal-enerġija (il-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, inkluża parti mis-sħana industrijali). Madankollu, fl-2021, is-settur tal-enerġija ra żieda ta' 8,4 % fl-emissjonijiet. Dan kien prinċipalment dovut għal domanda ogħla għall-elettriku fil-kuntest tal-irkupru ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19 u għal użu akbar tal-faħam ikkawżat minn żieda fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili. Madankollu, l-emissjonijiet globali tas-settur tal-enerġija fl-2021 kienu għadhom 8,1 % taħt il-livelli tal-2019, b'domanda simili ħafna għall-elettriku f'dawn is-sentejn.

L-emissjonijiet mill-installazzjonijiet industrijali żdiedu wkoll fl-2021 b'4,6 % meta mqabbla mal-2020. Ġew osservati żidiet għoljin fil-biċċa l-kbira tas-setturi, inklużi l-ħadid u l-azzar u s-sustanzi kimiċi. Dan kien ikkawżat mill-irkupru ekonomiku wara l-pandemija, immarkat minn żieda ta' 5,3 % fil-PDG tal-EU-27 bejn l-2020 u l-2021. Madankollu, l-emissjonijiet industrijali fl-2021 kienu 2,6 % anqas milli fl-2019 minkejja li l-livelli totali tal-produzzjoni industrijali fis-sentejn li huma kienu simili ħafna[61].

It-Tabella 5 tiddokumenta x-xejra fl-emissjonijiet tal-ETS minn installazzjonijiet stazzjonarji mill-2013.

[60] Fiż-żewġ każijiet, it-tqabbil sar mal-emissjonijiet ivverifikati aġġustati tal-2020 u l-2019, minbarra r-Renju Unit ħlief għall-ġeneraturi tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq.

[61] Statistika dwar il-produzzjoni industrijali, Eurostat, Awwissu 2022.

*Tabella 5. Emissjonijiet verifikati mill-installazzjonijiet stazzjonarji.*

| **Sena** | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021[62] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Emissjonijiet verifikati mill-installazzjonijiet stazzjonarji** | 1 908 | 1 814 | 1 803 | 1 751 | 1 755 | 1 683 | 1 530 | 1 356 | 1 335 |
| **Bidla sena wara sena** | - | -4,9 % | -0,6 % | -2,9 % | 0,2 % | -4,1 % | -9,1 % | -11,4 % | 6,6 % |
| **Emissjonijiet verifikati mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana** | 1 191 | 1 100 | 1 091 | 1 046 | 1 036 | 964 | 822 | 696 | 707 |
| **Bidla sena wara sena** | - | -7,7 % | -0,8 % | -4,1 % | -1,0 % | -7,0 % | -14,7 % | -15,3 % | 8,4 % |
| **Emissjonijiet verifikati mill-produzzjoni industrijali** | 717 | 714 | 712 | 705 | 719 | 719 | 708 | 659 | 631 |
| **Bidla sena wara sena** | - | -0,4 % | -0,3 % | -1,0 % | 2,0 % | 0,1 % | -1,6 % | -6,9 % | 4,6 % |

L-Illustrazzjoni 3 turi x-xejra fl-emissjonijiet tal-ETS skont it-tip ta' fjuwil fl-2021 meta mqabbla mal-fażi 3 tal-EU ETS.

Is-sorsi ewlenin tal-enerġija fl-EU ETS fl-2021 kienu jinkludu l-faħam iebes, il-linjite (u l-faħam subbituminuż) u l-gass naturali. Fis-snin preċedenti, is-sehem tal-gass naturali kien qiegħed jiżdied gradwalment, filwaqt li jissostitwixxi l-faħam iebes, u sa ċertu punt, il-linjite. Madankollu, fl-2021, is-sehem tal-emissjonijiet mill-faħam iebes żdied bi 3,4 % meta mqabbel mal-2020. B'mod parallel, l-ishma kemm tal-linjite kif ukoll tal-gass naturali naqsu. Dan kien marbut maż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili.

[62] Mill-2021, l-EU ETS ma għadhiex tinkludi l-emissjonijiet mir-Renju Unit, huma inklużi biss l-emissjonijiet mill-ġeneraturi tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq.




*Illustrazzjoni 3. Emissjonijiet skont it-tip ta' fjuwil bħala ishma tal-emissjonijiet annwali tal-fjuwils fossili. Il-fjuwils fossili flimkien jammontaw għal 100 %, il-bijomassa tiżdied ma' dan. It-tikketti ma jidhrux jekk il-fjuwil qatt ma jaqbeż it-3 % tat-total, * = mhux kopert mill-fjuwils speċifikati l-oħrajn.*

B'kollox, fl-2021 ġew irrapportati 2 153 installazzjoni li użaw il-bijomassa. Dan jirrappreżenta 24,6 % tal-installazzjonijiet kollha ta' rapportar fl-EU ETS, żieda minn 22,5 % fl-2020. L-emissjonijiet ivarjaw skont it-tip ta' fjuwil, madankollu, l-emissjonijiet li għalihom kellhom jiġu ċeduti l-kwoti kienu jkunu 15,8 % ogħla kieku l-emissjonijiet mill-bijomassa ugwali għal żero jingħaddu bħala emissjonijiet fossili.

Mill-1 ta' Jannar 2023[63], il-kriterji l-ġodda dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[64] japplikaw għall-emissjonijiet minn bijomassa ugwali għal żero fl-EU ETS. Dawn jinkludu kriterji aktar stretti dwar il-bijofjuwils u l-bijolikwidi u kriterji ġodda għall-bijomassa solida u gassuża.

Il-fjuwils tal-bijomassa li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà applikabbli jew li ma humiex koperti minn dawn il-kriterji jistgħu jitqiesu li huma ugwali għal żero. Dan ifisser li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tagħhom ma jgħoddux bħala tas-$CO_2$ fossili. L-operaturi ma għandhomx għalfejn iċedu kwoti tal-ETS għal dawn l-emissjonijiet ugwali għal żero. Għalhekk, fl-Illustrazzjoni 3, l-emissjonijiet tal-bijomassa ugwali għal żero huma murija minbarra l-emissjonijiet tal-fjuwils fossili.

63 L-Artikolu 38(6) tar-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar. Bħal hawn fuq, ir-Regolament (UE) 2018/2066 emendat fl-2020 bir-Regolament (UE) 2020/2085 u fl-2022 bir-Regolament (UE) 2022/388. Ara l-verżjoni konsolidata.

64 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni), ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

L-Illustrazzjoni 4 turi kif l-emissjonijiet ugwali għal żero mill-bijomassa jinqasmu bejn l-installazzjonijiet tal-Kategorija A, B, u C fl-EU ETS. Il-qasma teskludi l-fażi tal-assorbiment u l-valur nett tal-emissjonijiet. L-emissjonijiet ugwali għal żero mill-bijomassa żdiedu b'mod ċar, minn 142 Mt fl-2020 għal 172 Mt fl-2021.

L-emissjonijiet minn bijomassa mhux ugwali għal żero baqgħu minimi għal madwar 1,5 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$, li jammontaw għal ftit aktar minn 0,1 % tal-emissjonijiet totali tal-ETS minn installazzjonijiet stazzjonarji. Filwaqt li dan huwa kważi l-istess sehem bħal fl-2020, huwa mistenni li jiżdied minħabba li r-rekwiżiti għal bijomassa ugwali għal żero se jsiru aktar stretti, b'mod partikolari wara l-2023. Sal-1 ta' Jannar 2023, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jippermettu lill-installazzjonijiet jikklassifikaw l-emissjonijiet mill-bijomassa bħala ugwali għal żero mingħajr ma juru konformità mal-kriterji tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli II għas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet.




*Illustrazzjoni 4. Emissjonijiet li joriġinaw minn bijomassa ugwali għal żero fl-2021 meta mqabbla mal-fażi 3 (2013-20). L-emissjonijiet huma ppreżentati f'miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$.*

### 3.6. Bilanċjar tal-provvista u tad-domanda

Fil-bidu tal-fażi 3 fl-2013, l-EU ETS kienet ikkaratterizzata minn żbilanċ strutturali kbir bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti. Is-suq tal-karbonju kellu eċċess ta' 2,1 biljun kwota. Il-Kummissjoni ħadet kemm azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul sabiex tirrimedja dan l-iżbilanċ. Bħala miżura fuq terminu qasir, il-Kummissjoni pposponiet l-irkantar ta' 900 miljun kwota mill-2014-16 sal-2019-20. Bħala soluzzjoni fit-tul, hija ħolqot ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) fl-2015.

L-MSR taġġusta l-volumi tal-irkant skont il-limiti ddefiniti minn qabel tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC). Dan irawwem il-bilanċ u r-reżiljenza fis-suq tal-karbonju tal-UE. L-MSR bdiet topera fl-2019, meta bdiet tirtira l-kwoti miċ-ċirkolazzjoni billi naqqset

il-volumi tal-irkant tal-Istati Membri kull sena minn dak iż-żmien. Id-900 miljun kwota li għalihom l-irkantar kien inizjalment ġie pospost tqiegħdu wkoll fir-riżerva.

Fl-2021, l-emissjonijiet żdiedu meta mqabbla mal-2020, għalkemm baqgħu taħt il-livell ta' qabel il-pandemija tal-2019. Dan irriżulta f'eċċess ta' 1 449 miljun kwota – anqas milli fl-2020, iżda ftit aktar mill-2019. L-Illustrazzjoni 1 turi l-eċċess tal-kwoti fl-EU ETS mill-2013.




*Illustrazzjoni 5. Eċċess tal-kwoti fl-EU ETS (2013-21).*

Minn nofs Mejju tal-2017, il-Kummissjoni tippubblika regolarment it-TNAC għas-sena preċedenti. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat is-sitt edizzjoni tat-TNAC[65], li ammontat għal 1 449 214 182 kwota. Għal darb'oħra, minħabba l-eċċess li jaqbeż il-limitu ddefinit minn qabel, il-kwoti tqiegħdu fl-MSR, u b'hekk tnaqqsu l-volumi tal-irkant għall-2022 u l-2023.

B'dan, l-MSR naqqset il-volumi tal-irkant bi kważi 350 miljun kwota minn Settembru 2022 sa Awwissu 2023. It-Tabella 3.1 fl-Appendiċi 3 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport tiddeskrivi l-kontribuzzjonijiet tal-MSR skont il-pajjiżi tal-ETS fl-2022.

Fl-2021, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel rieżami tal-MSR, bħala parti mill-inizjattiva usa' sabiex twettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew[66]. Ir-rieżami wera li l-MSR ħadmet sew, u ssodisfat il-fini tagħha. Din għenet sabiex jitnaqqas l-eċċess u sabiex tipprovdi sinjal robust tal-prezz tal-karbonju, anke matul il-pandemija tal-COVID-19. Mill-2019, aktar minn 1,4

[65] Ir-Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pubblikazzjoni tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2021 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE u tal-għadd ta' kwoti mhux allokati matul il-perjodu 2013–2020 ĠU C 272, 15.7.2022, p. 25.

[66] COM/2021/571 final - Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, 14.7.2022.

biljun kwota tqiegħdu fir-riżerva. Kull sena, 24 % tal-eċċess tal-kwoti tas-sena preċedenti tqiegħdu fir-riżerva, bħalma kienu 887 miljun kwota mhux allokati fl-2013-20.

Fl-ewwel rieżami, il-Kummissjoni pproponiet li l-MSR għandha tkompli tindirizza l-iżbilanċ mibni fis-suq tal-karbonju tal-UE kif ukoll twieġeb għal kwalunkwe xokkijiet fid-domanda (bħal dak ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni pproponiet li tinżamm ir-rata ta' dħul ta' 24 % u li jiġu aġġustati l-parametri operazzjonali tar-riżerva.

## 4. Avjazzjoni

L-EU ETS tirregola l-emissjonijiet mis-settur tal-avjazzjoni mill-2012. Legalment, is-sistema tkopri t-titjiriet kollha li ħerġin u, sakemm ma jkunux eżentati, it-titjiriet kollha li jidħlu lejn iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Madankollu, fl-2013, l-UE temporanjament illimitat l-obbligi tal-ETS għat-titjiriet fi ħdan iż-ŻEE sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-avjazzjoni mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)[67]. Din id-deċiżjoni ġiet sussegwentement estiża darbtejn sal-2023.

Mill-1 ta' Jannar 2020, l-EU ETS tkopri wkoll l-emissjonijiet minn titjiriet ħerġin lejn l-Iżvizzera[68]. L-ETS Żvizzera min-naħa tagħha tapplika għal titjiriet li jitilqu lejn ajruporti taż-ŻEE. Dan jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti tfiż-żewġ direzzjonijiet tar-rotot.

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-EU ETS tkompli tapplika għal titjiriet ħerġin lejn ir-Renju Unit, filwaqt li l-ETS tar-Renju Unit tapplika għal titjiriet li jitilqu lejn l-ajruporti taż-ŻEE. Dan iżomm il-kopertura tal-ipprezzar tal-karbonju tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni minkejja t-tluq tar-Renju Unit mill-UE.

Fl-2021, inħarġu 28,3 miljun kwota tal-avjazzjoni f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni aġġornat tal-EU ETS. L-allokazzjoni bla ħlas ammontat għal kemxejn aktar minn 24 miljun kwota. Barra minn hekk, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati minn amministraturi nazzjonali fiż-ŻEE rċevew madwar 0,5 miljun kwota tal-avjazzjoni Żvizzera mingħajr ħlas fil-qafas tal-ETS Żvizzera. B'paragun ma' dan, fl-2021 ġew irkantati madwar 3,8 miljun kwota tal-avjazzjoni. Mill-2021, il-limitu massimu tal-avjazzjoni huwa stabbilit li jonqos b'rata ta' 2,2 % fis-sena.

L-emissjonijiet mill-avjazzjoni kienu laħqu l-ogħla livell fl-2019, u naqsu drastikament fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati fuq l-ivvjaġġar. Fl-2021, l-emissjonijiet mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru ammontaw għal 27,9 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ (inklużi madwar 0,3 miljun tunnellata fil-qafas tal-ETS Żvizzera). Dan huwa madwar 30 % aktar mill-2020, iżda xorta 50 % anqas minn qabel il-pandemija fl-2019. Huwa importanti li wieħed jinnota hawnhekk li dan il-paragun isir bl-użu ta' valuri aġġustati tal-emissjonijiet tal-2020 u tal-2019 sabiex jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tal-

---

67 Id-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2013 għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 113, 25.4.2013, p. 1.

68 Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

avjazzjoni mibdul tal-EU ETS mill-2021[69]. Dan l-aġġustament jeskludi t-titjiriet li jidħlu mir-Renju Unit.

It-Tabella 6 tistabbilixxi l-volumi ta' kwoti allokati bla ħlas u rkantati fis-setturi tal-avjazzjoni, flimkien mal-volum ta' emissjonijiet verifikati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

[69] L-emissjonijiet verifikati aġġustati, minbarra t-titjiriet li jaslu mir-Renju Unit: 21,5 Mt fl-2020 u 55,8 Mt fl-2019.

*Tabella 6. Operaturi tal-inġenji tal-ajru - emissjonijiet verifikati, allokazzjoni bla ħlas u kwoti rkantati.*

| **Sena** | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Emissjonijiet verifikati (f'miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$)** | 53,5 | 54,8 | 57,1 | 61,5 | 64,4 | 67,5 | 68,2 | 25,2 | 27,9 |
| **Bidla sena wara sena** | - | 2,5 % | 4,1 % | 7,7 % | 4,8 % | 4,8 % | 1 % | -63 % | 30 %[70] |
| **Allokazzjoni bla ħlas (EU27 + l-Iżlanda. Il-Liechtenstein u n-Norveġja + ir-Renju Unit + l-Iżvizzera)[71,72]** | 32,4 | 32,4 | 32,1 | 32,0 | 33,1 | 31,3 | 31,3[73] | 32,5[74] | 24,0[75] |
| **Allokazzjoni bla ħlas mir-riżerva speċjali għal entranti ġodda u għall-operaturi li qegħdin jikbru malajr** | 0 | 0 | 0 | 0 | 1,1 | 1,1 | 1,0 | 0,8 | 0,3 |
| **Volumi ta' kwoti rkantati[76]** | 0 | 9,3 | 16,4 | 6,0 | 4,7 | 5,6 | 5,5 | 9,2 | 3,8 |

---

70 Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni tal-avjazzjoni mibdul tal-EU ETS (li ma għadux ikopri titjiriet li jaslu mir-Renju Unit).

71 L-Iżvizzera inkluża fid-*data* tal-2020 u l-2021 biss.

72 Dawn in-numri ma jqisux l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kollha li għalqu u l-kwoti bla ħlas mir-riżerva speċjali għall-entranti ġodda u għall-operaturi li qegħdin jikbru malajr, u lanqas ir-redditi fl-2012 minħabba t-tibdil fil-kamp ta' applikazzjoni. Sorsi: L-EUTL, id-DĠ Azzjoni Klimatika.

73 Meta jitqiesu n-numri miżmuma minħabba l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalqu, l-allokazzjoni reali għall-2019 kienet tkun ta' 4 miljuni taħt iċ-ċifra ppreżentata (ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna fl-Avviż C/2020/8643, ĠU C 428, 11.12.2020, p. 1). L-allokazzjoni għar-Renju Unit (4,31 miljun kwota tat-total għall-2019), li ġiet sospiża fl-2019 minħabba l-miżuri ta' salvagwardja adottati mill-Kummissjoni għall-ħarsien tal-integrità ambjentali tal-EU ETS f'każijiet fejn id-dritt tal-UE ma jibqax japplika għal Stat Membru li joħroġ mill-UE, issoktat fl-2020.

74 Dan in-numru jqis it-titjiriet li jitilqu miż-ŻEE lejn l-Iżvizzera, u bejn iż-ŻEE u r-Renju Unit, f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

75 Filwaqt li titqies il-bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-emissjonijiet (li ma tibqax tkopri titjiriet li jaslu mir-Renju Unit).

76 Il-volumi ta' kwoti tal-avjazzjoni rkantati matul il-perjodu 2013-15 jirriflettu d-deċiżjoni li "jitwaqqaf l-arloġġ" u li jiġi limitat l-obbligu tal-ETS għas-settur tal-avjazzjoni għal titjiriet biss fiż-ŻEE (id-Deċiżjoni 377/2013/UE). Il-konformità għas-settur tal-avjazzjoni ġiet posposta għall-2013 (ir-Regolament Nru 421/2014). Għall-emissjonijiet mill-avjazzjoni fl-2013 u l-2014, il-konformità seħħet bejn Jannar u April tal-2015.

- Id-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2013 għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 113, 25.4.2013, p. 1

F'Ottubru 2016, l-Assemblea tal-ICAO adottat riżoluzzjoni dwar Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA). L-objettiv ewlieni tagħha huwa li tikkumpensa l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-avjazzjoni internazzjonali 'l fuq minn ċerta linja bażi. L-iskema tnediet uffiċjalment fl-2021 u hija espliċitament volontarja sal-2026. Għadu mhux ċar jekk il-pajjiżi obbligati kollha humiex se japplikawha minn hemm 'il quddiem – xi wħud ippreżentaw riżervi dwar l-iskema (eż. iċ-Ċina). Kien fid-dawl tar-riżoluzzjoni tal-CORSIA li l-limitazzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni intra-Ewropew tal-EU ETS għall-avjazzjoni ġiet estiża sal-aħħar tal-2023.

Skont il-CORSIA, l-Istati parteċipanti għandhom jobbligaw lil-linji tal-ajru bbażati f'dawk il-pajjiżi sabiex jikkumpensaw l-emissjonijiet tagħhom 'il fuq minn linja bażi inizjalment definita bħala l-medja tal-livelli tal-2019 u tal-2020 billi jixtru u jikkanċellaw krediti internazzjonali. F'Ottubru 2021, l-Assemblea tal-ICAO iddeċidiet li tbiddel il-linja bażi tal-iskema għall-perjodu 2024-35 għal 85 % tal-emissjonijiet tal-2019.

Bħala parti mill-pakkett ta' politika sabiex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet riforma tal-EU ETS għall-avjazzjoni[77,78]. Il-proposta għandha l-għan li timplimenta l-CORSIA fil-liġi tal-UE b'mod li jkun konsistenti mal-mira klimatika tal-UE għall-2030 għall-ekonomija kollha u li żżid l-azzjoni klimatika maż-żmien. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni pproponiet li żżomm il-qafas tal-EU ETS u s-sinjal tal-prezz għat-titjiriet fiż-ŻEE, u li tapplika l-iskema tal-CORSIA, kif xieraq, għat-titjiriet barra miż-ŻEE.

L-impatt ġenerali tal-avjazzjoni globali fuq il-klima huwa konsiderevolment ogħla mill-komponent tas-$CO_2$ waħdu, li l-EU ETS bħalissa tirregola. L-impatti totali tal-avjazzjoni huma stmati li huma 2-4 darbiet aktar minn dawk tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ meta jitqiesu l-effetti mhux tas-$CO_2$[79]. L-indirizzar ta' dawn l-emissjonijiet huwa rilevanti peress li l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) identifika l-avjazzjoni internazzjonali (u t-tbaħħir), fis-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tiegħu dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima[80], bħala setturi b'għanijiet klimatiċi li ma jissodisfawx dak li jkun meħtieġ sabiex titnaqqas iż-żieda fit-temperatura globali f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

---

- Ir-Regolament (UE) Nru 421/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014, ĠU L 129, 30.4.2014, p. 1.

77 COM/2021/552 final - Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li timplimenta b'mod xieraq miżura globali bbażata fuq is-suq.

78 COM/2021/567 final - Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni.

79 COM/2020/747 final - Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Analiżi aġġornata tal-impatti klimatiċi mhux mis-$CO_2$ tal-avjazzjoni u miżuri ta' politika potenzjali skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva dwar l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, 23.11.2020

80 IPCC (2022), Mitigation of Climate Change – Summary for Policymakers, il-kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni.

## 5. Sorveljanza tas-suq

Is-suq tal-karbonju tal-UE huwa rregolat minn qafas robust ta' regoli ta' sorveljanza tas-suq. Kemm spots kif ukoll derivattivi fil-kwoti tal-emissjonijiet huma kklassifikati bħala strumenti finanzjarji skont id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji[81] (MiFID). Din il-klassifikazzjoni hija riflessa wkoll fil-leġiżlazzjoni sekondarja, inkluż ir-Regolament dwar l-Irkantar[82], li jirregola s-suq primarju (irkantijiet tal-kwoti). B'kollox, il-kummerċ fis-suq tal-karbonju tal-UE huwa soġġett għall-istess reġim regolatorju bħas-swieq finanzjarji tal-UE.

Is-superviżjoni tas-suq tal-karbonju tal-UE hija kondiviża bejn l-awtoritajiet finanzjarji tas-27 Stati Membri kollha[83] kkoordinati mir-regolatur Ewropew, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Huma jimmonitorjaw l-imġiba tal-parteċipanti fis-suq permezz ta' rekwiżiti estensivi ta' rapportar u ta' trasparenza. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq[84] jobbliga lill-parteċipanti fis-suq jirrapportaw ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi mingħajr dewmien. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom is-setgħa li jirrispondu b'azzjoni ta' rimedju jew b'penali jekk jidentifikaw abbuż tas-suq.

Ir-regoli tas-superviżjoni finanzjarja jissalvagwardjaw l-integrità u t-trasparenza tas-suq tal-karbonju tal-UE. Il-qafas stabbilit ħadem sew. Madankollu, biż-żieda fil-prezz tal-karbonju fl-2021, xi partijiet ikkonċernati għamlu allegazzjonijiet ta' spekulazzjoni eċċessiva tal-prezzijiet. Sabiex teżamina dan it-tħassib, il-Kummissjoni tat il-kompitu lill-ESMA sabiex tanalizza l-imġiba kummerċjali fis-suq tal-karbonju tal-UE[85].

Wara l-valutazzjoni preliminari[86], l-ESMA ppubblikat ir-rapport finali dwar il-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi assoċjati f'Marzu 2022[87]. Hija waħda mill-aktar valutazzjonijiet komprensivi tas-suq tal-karbonju tal-UE sa mill-bidu tiegħu fl-2005, bl-użu ta' *data* miġbura direttament mis-superviżuri tas-suq finanzjarju. Jipproponi wkoll rakkomandazzjonijiet ta' politika sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq. Prinċipalment, ir-rapport jikkonkludi li s-suq tal-karbonju jiffunzjona kif suppost u li ċ-ċaqliq osservat fil-prezzijiet huwa konformi mal-prinċipji fundamentali tas-suq. Din il-konklużjoni ġiet ikkonfermata wkoll b'mod

---

[81] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

[82] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

[83] Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli skont ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq tista' tinstab fuq il-paġna web tal-ESMA.

[84] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.

[85] Bħal qabel, COM/2021/660 final.

[86] ESMA70-445-7, Ir-Rapport preliminari tal-ESMA dwar il-kwoti tal-emissjonijiet, 11.11.2021.

[87] ESMA70-445-38, Ir-Rapport finali tal-ESMA dwar il-kwoti tal-emissjonijiet, 28.3.2022.

indipendenti mill-Bank Ċentrali Ewropew, li ppubblika l-analiżi tiegħu f'April 2022[88].

5.1. Sejbiet tar-rapport tal-ESMA

Il-prezz tal-karbonju żdied matul l-2021 u fl-ewwel nofs tal-2022. Ir-rapport tal-ESMA jikkonferma li din l-evoluzzjoni u l-volatilità assoċjata huma konformi mal-prinċipji fundamentali tas-suq. Filwaqt li ħafna fatturi jistgħu jinfluwenzaw il-prezz tal-kwoti, l-ESMA taqbel mal-biċċa l-kbira tal-analisti dwar il-fatturi ewlenin li affettwaw iż-żieda fil-prezz fl-2021/22.

Jiġifieri, id-domanda għall-kwoti żdiedet, l-ewwel bħala riżultat tal-irkupru ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19 u mbagħad minħabba l-bidla mill-gass naturali għal fjuwils fossili oħrajn, imqanqla miż-żieda fil-prezzijiet tal-gass. Barra minn hekk, is-suq diġà qiegħed jantiċipa l-adozzjoni ta' riformi ta' politika skont il-pakkett leġiżlattiv propost sabiex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li se jirriżulta fi provvista aktar stretta ta' kwoti fil-futur, fost effetti oħrajn.

Barra minn hekk, fuq medda qasira ta' żmien, is-suq tal-karbonju tal-UE rreaġixxa għal xokkijiet f'daqqa bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti ekonomiċi assoċjati, kif ukoll il-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija relatata.

Ir-rapport tal-ESMA ma jsib l-ebda anomalija kbira fil-funzjonament tas-suq minn perspettiva superviżorja finanzjarja. Kemm is-suq primarju kif ukoll is-swieq sekondarji tal-kuntratti tad-derivattivi jiffunzjonaw b'mod wiesa' kif maħsub. Il-biċċa l-kbira tan-negozjar iseħħ fi swieq sekondarji permezz ta' kuntratti tad-derivattivi (90 % tal-volumi). Dawn il-kuntratti jippermettu lill-entitajiet ta' konformità u lil entitajiet mhux finanzjarji oħrajn (entitajiet kummerċjali) jiħħeġġjaw ir-riskju tal-prezz tagħhom.

Ir-rapport ma jsib l-ebda evidenza ta' spekulazzjoni eċċessiva tal-prezzijiet mill-entitajiet finanzjarji għad-detriment tal-entitajiet ta' konformità. L-operaturi jibqgħu l-kategorija predominanti tal-parteċipanti kemm fis-swieq primarji kif ukoll f'dawk sekondarji. Filwaqt li l-fondi ta' investiment u entitajiet finanzjarji oħrajn li ġeneralment jistgħu jkunu assoċjati ma' mġiba spekulattiva huma preżenti, is-sehem tagħhom żdied biss ftit mill-2018 u għadu baxx b'mod kumplessiv (anqas minn 8 %). L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali lanqas ma rrapportaw każijiet ta' abbuż tas-suq jew abbuż minn informazzjoni privileġġata.

Ir-rapport tal-ESMA jikkonferma r-rwol importanti li s-settur finanzjarju jaqdi fil-funzjonament tas-suq tal-karbonju – jipprovdi likwidità u jagħti servizz lill-entitajiet ta' konformità fil-kisba ta' kwoti tal-emissjonijiet. L-operaturi tal-ETS jimmaniġġaw l-obbligi ta' konformità tagħhom l-aktar billi jixtru kuntratti tad-derivattivi, speċjalment "futuri". Dawn jagħtuhom id-dritt għal konsenja futura ta' kwoti bi prezz definit minn qabel. Il-kontropartijiet f'dawk in-negozji huma fil-biċċa l-kbira entitajiet finanzjarji (ditti tal-investiment u banek). Għalhekk, il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tagħti lill-operaturi tal-ETS aktar opzjonijiet sabiex jimmaniġġaw ir-riskji tal-prezzijiet u jeħilsu kapital addizzjonali għal investimenti fit-tul.

88 Ampudia, M., Bua, G., Kapp, D. u Salakhova, D., The role of speculation during the recent increase in EU emissions allowance prices, Bullettin Ekonomiku tal-BĊE, Ħarġa 3/2022.

L-entitajiet finanzjarji jaqdu wkoll rwol importanti fid-disseminazzjoni ta' kwoti lil parteċipanti oħrajn fis-suq, b'mod partikolari operaturi żgħar u medji tal-ETS, li jinnegozjaw fi swieq sekondarji. B'mod ġenerali, l-ESMA osservat li l-parteċipazzjoni fis-swieq sekondarji kienet akbar meta mqabbla mal-irkantijiet. L-ESMA kkonfermat ukoll li l-akbar parteċipanti kienu attivi kemm fl-irkantijiet kif ukoll fis-swieq sekondarji li jbigħu kwoti lil parteċipanti oħrajn. Għal ħafna operaturi tal-ETS, jista' jkun aktar konvenjenti u kosteffettiv li jiksbu kwoti għall-konformità permezz ta' tali intermedjarji, inklużi entitajiet finanzjarji.

#### *5.1.1. Rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-ESMA*

Ir-rapport tal-ESMA jipproponi diversi rakkomandazzjonijiet ta' politika sabiex jittejjeb il-monitoraġġ u tiżdied it-trasparenza tas-suq tal-karbonju tal-UE. Il-Kummissjoni issa qiegħda tikkunsidra bir-reqqa dawn ir-rakkomandazzjonijiet kif ukoll l-azzjonijiet u l-aġġustamenti mmirati li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jimplimentawhom.

Barra minn hekk, ir-rapport jippreżenta żewġ kwistjonijiet li dawk li jfasslu l-politika għandhom jikkunsidraw, mingħajr ma jagħmel l-ebda rakkomandazzjoni: l-introduzzjoni ta' limiti ta' pożizzjoni u monitoraġġ ċentralizzat tas-suq. Bħala segwitu, l-ESMA tissuġġerixxi valutazzjoni ulterjuri fil-fond sabiex jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-funzjonament tas-swieq tal-karbonju, tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet tal-ESMA u taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżgura l-integrità tas-suq.

## 6. Monitoraġġ, rapportar u verifika tal-emissjonijiet

Fil-fażi 4 (2021-30), il-qafas stabbilit tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ, rapportar, verifika u akkreditament tal-EU ETS għadu japplika. Dawn ir-rekwiżiti huma armonizzati fir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar (MRR)[89] u fir-Regolament dwar l-Akkreditament u l-Verifika (AVR)[90].

Kull sena, il-pajjiżi jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva dwar l-EU ETS. Din id-*data* toffri għarfien dwar il-qafas ta' monitoraġġ, ta' rapportar, ta' verifika u ta' akkreditament li jsostni l-funzjonament effiċjenti tas-sistema.

### 6.1. Monitoraġġ tal-emissjonijiet

Is-sistema għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-EU ETS tieħu approċċ modulari. Dan jagħti lill-operaturi grad għoli ta' flessibbiltà u b'hekk jiżgura kemm il-kosteffiċjenza kif ukoll l-affidabbiltà tad-*data* dwar l-emissjonijiet. L-operaturi jistgħu jużaw diversi metodi ta' monitoraġġ ("ibbażati fuq il-kalkolu" jew "ibbażati fuq il-kejl" u, b'eċċezzjoni, "approċċ ta'

[89] Bħal hawn fuq, ir-Regolament (UE) 2018/2066 emendat fl-2020 bir-Regolament (UE) 2020/2085 u fl-2022 bir-Regolament (UE) 2022/388. Ara l-verżjoni konsolidata.

[90] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94. Ir-regolament ġie emendat fl-2020 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2084. Ara l-verżjoni konsolidata.

riżerva"), inkluża taħlita ta' metodi għall-partijiet individwali ta' installazzjoni. Għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, huma permessi biss approċċi bbażati fuq il-kalkolu, fejn il-konsum tal-fjuwil ikun il-parametru ċentrali tat-titjira.

L-MRR jeħtieġ li kemm l-installazzjonijiet kif ukoll l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jkollhom pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità nazzjonali kompetenti applikabbli. Dan iwaqqafhom milli jagħmlu għażla arbitrarja ta' metodi ta' monitoraġġ u varjazzjonijiet temporali.

Fl-2021, il-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet użaw il-metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu[91] sabiex jikkalkolaw l-emissjonijiet tagħhom. 154 installazzjoni biss (1,8 %) fi 22 pajjiż irrapportaw bl-użu ta' sistemi ta' kejl kontinwu tal-emissjonijiet (CEMS), kważi l-istess numru ta' installazzjonijiet bħal fl-2020. Is-CEMS jintużaw l-aktar fil-Ġermanja u fiċ-Ċekja. Fi 30 installazzjoni, l-emissjonijiet imkejla kien fihom ukoll $CO_2$ bijoġeniku. Madwar nofs l-installazzjonijiet tas-CEMS jużaw il-metodoloġija għal aktar minn 95 % tal-emissjonijiet tagħhom, in-nofs l-ieħor juża taħlita ta' CEMS u metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu.

11-il pajjiż biss irrapporta bl-użu tal-approċċ ta' riżerva; dan intuża għal 31 installazzjoni li jkopru madwar 2,5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ (4 installazzjonijiet aktar mill-2020 iżda 0,4 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ anqas). Installazzjoni waħda fin-Netherlands hija responsabbli għal 52 % tal-emissjonijiet globali rrapportati bl-użu mal-metodoloġija ta' riżerva.

Il-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet laħqu l-livelli minimi prestabbiliti[92] tal-MRR fl-2021. 98 installazzjoni biss tal-Kategorija C (minn 80 fl-2020) ġew irrapportati li ddevjaw għal mill-anqas parametru wieħed mir-rekwiżit li jiġu applikati l-ogħla livelli għall-flussi minn sorsi maġġuri. Misjuba fi 18-il pajjiż differenti, dawn kienu jirrappreżentaw 13,6 % tal-installazzjonijiet tal-Kategorija C. Dawn id-devjazzjonijiet huma permessi biss meta l-operatur juri li l-ilħuq tal-ogħla livell ma huwiex teknikament vijabbli jew iġarrab kostijiet mhux raġonevoli. Ladarba dawn il-kundizzjonijiet ma jibqgħux japplikaw, l-operatur irid itejjeb is-sistema ta' monitoraġġ kif xieraq.

Fl-2021, 405 installazzjoni tal-Kategorija B fi 23 pajjiż tħallew joperaw b'xi forma ta' devjazzjoni mir-rekwiżiti prestabbiliti tal-MRR. Dan huwa 21 % tal-installazzjonijiet kollha tal-Kategorija B, l-istess sehem bħal fl-2020.

### 6.2. Akkreditament u verifika

Il-verifikaturi tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-EU ETS iridu jiġu akkreditati minn Korp Nazzjonali ta' Akkreditament sabiex iwettqu valutazzjonijiet f'konformità mal-AVR. Dan jiżgura li l-verifikaturi jkunu jistgħu joperaw b'rikonoxximent reċiproku fil-pajjiżi kollha tal-EU ETS, filwaqt li jieħdu vantaġġ sħiħ mis-suq intern u jiżguraw disponibbiltà suffiċjenti tas-

---

91 Ir-raġuni ewlenija għal dan hija li l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl tinvolvi riżorsi sinifikanti u għarfien għall-kejl kontinwu tal-konċentrazzjoni ta' gassijiet serra rilevanti, li ħafna mill-operaturi ż-żgħar ma għandhomx.

92 L-MRR jeħtieġ li l-operaturi kollha jilħqu ċerti livelli minimi, fejn sorsi akbar ta' emissjonijiet huma meħtieġa sabiex jintlaħqu livelli ogħla (li jinvolvu kwalità tad-*data* aktar affidabbli), filwaqt li għal raġunijiet ta' kosteffiċjenza japplikaw rekwiżiti anqas stretti għal sorsi iżgħar.

servizzi.

Fl-2021, kien hemm 106 verifikaturi akkreditati għall-installazzjonijiet stazzjonarji u 23 għall-avjazzjoni. Barra minn hekk, 26 pajjiż irrapportaw li tal-anqas verifikatur barrani wieħed kien attiv fit-territorju tagħhom fl-2021, u sitt pajjiżi rrapportaw li kellhom biss verifikaturi barranin. Dan juri li r-rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi fost il-pajjiżi jkompli jaħdem b'suċċess.

Il-konformità tal-verifikaturi mal-AVR tinstab li hija għolja. In-Norveġja biss irrapportat żewġ sospensjonijiet u Franza biss irrapportat irtirar wieħed tal-akkreditament ta' verifikatur. Dan huma komparabbli ma' ebda sospensjoni u ma' rtirar wieħed għall-2020. Sitt pajjiżi naqqsu l-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditament ta' seba' verifikaturi. Fl-2020, il-Ġermanja biss għamlet dan, għal żewġ verifikaturi.

Sitt pajjiżi rrapportaw li rċevew ilmenti dwar il-verifikaturi fl-2021 (wieħed aktar mill-2020). Madankollu, l-għadd globali ta' l-ilmenti (28) kien biss 57 % tan-numru tal-ilmenti fl-2020. Il-biċċa l-kbira tal-ilmenti (93 %) kienu diġà ġew solvuti fiż-żmien tar-rapportar (kontra 86 % fl-2020). Barra minn hekk, pajjiż wieħed irrapporta li sadanittant ġew solvuti 11-il ilment mis-snin preċedenti.

Fl-2021, tmien pajjiżi rrapportaw li identifikaw 64 nuqqas ta' konformità dwar ir-rwol tal-verifikaturi fil-proċess tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditament u l-awtoritajiet kompetenti (żieda minn seba' pajjiżi fl-2020). Minn dawn, 72 % kienu ġew solvuti saż-żmien tar-rapportar. Barra minn hekk, tliet pajjiżi rrapportaw li sadanittant ġew indirizzati 24 nuqqas ta' konformità mis-snin preċedenti.

Ħarsa ġenerali lejn l-aspetti relatati mal-akkreditament u l-verifika hija mogħtija fit-Tabella 4.1 fl-Appendiċi 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

### 6.3. Awtoritajiet kompetenti

L-organizzazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-EU ETS tvarja bejn il-pajjiżi. F'xi pajjiżi, din tinvolvi diversi awtoritajiet lokali; f'oħrajn, l-implimentazzjoni hija aktar ċentralizzata. Il-pajjiżi jagħżlu dawn l-approċċi abbażi tal-kosteffettività u l-effettività taż-żmien.

Total ta' 69 awtorità ċentrali, 147 awtorità reġjonali, 644 awtorità lokali u 27 awtorità kompetenti oħra ġew irrapportati bħala involuti fl-implimentazzjoni tal-EU ETS fl-2021. Il-pajjiżi rrapportaw l-użu ta' għodod differenti għall-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet, bħal awtorità kompetenti ċentrali responsabbli għax-xogħol tal-MRV (11-il pajjiż) jew li għandha rwol ta' koordinazzjoni[93] (10 pajjiżi), struzzjonijiet vinkolanti u gwida minn awtorità kompetenti ċentrali għall-awtoritajiet lokali (5 pajjiżi), taħriġ konġunt għall-awtoritajiet kompetenti (8 pajjiżi) u gruppi ta' ħidma jew laqgħat regolari bejn l-awtoritajiet (11-il pajjiż). Fl-2021, 14-il pajjiż ma kienu qed jużaw l-ebda għodda bħal din. Dawn il-pajjiżi għandhom organizzazzjoni aktar ċentralizzata u għalhekk jeħtieġu anqas għodod ta' koordinazzjoni.

[93] Meta l-awtoritajiet reġjonali/lokali jkunu responsabbli għall-ħidma tal-MRV, l-awtorità kompetenti ċentrali tirrieżamina d-dokumenti rilevanti bħall-pjanijiet ta' monitoraġġ minbarra dawn l-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex timmonitorja l-kwalità tal-proċessi tal-MRV.

Ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn il-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi tal-EU ETS hija ppreżentata fit-Tabella 4.2 fl-Appendiċi 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

Fl-2021, 15-il pajjiż ma ċċarġjawx tariffi amministrattivi lill-operaturi tal-installazzjonijiet għall-permessi u għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ (żieda minn 13-il pajjiż fl-2020). L-operaturi tal-inġenji tal-ajru fi 18-il pajjiż ukoll ma ħallsu l-ebda tariffa (16-il pajjiż fl-2020). L-imposti varjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi u t-tipi ta' servizzi - minn EUR 5 sa EUR 7 729,20 għal permess u approvazzjoni ta' pjan ta' monitoraġġ għall-installazzjonijiet, u minn EUR 2,13 sa EUR 3 100 għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru. 13-il pajjiż irrapportaw li jimponu tariffi amministrattivi għall-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' metodoloġija ta' monitoraġġ jew bidliet sinifikanti, anke għal ammonti li jvarjaw.

It-Tabella 4.3 fl-Appendiċi 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport tippreżenta ħarsa ġenerali dettaljata tal-imposti amministrattivi fil-pajjiżi tal-EU ETS.

### 6.4. Konformità u infurzar

Il-konformità mal-EU ETS tiġi vverifikata f'ċikli annwali. Għal kull sena tal-operat, l-operaturi jridu jissottomettu rapport annwali dwar l-emissjonijiet sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Ladarba r-rapport jiġi vverifikat, l-operaturi jridu jirrinunzjaw l-għadd miftiehem ta' kwoti sat-30 ta' April tal-istess sena. Għal kull tunnellata ta' $CO_2$ emessa li għaliha ma ġiet ċeduta l-ebda kwota fi żmien xieraq, id-Direttiva tal-EU ETS timponi penali ta' EUR 100[94]. Dan minbarra l-kost taċ-ċediment tal-kwoti dovuti. Penali oħrajn jistgħu japplikaw ukoll għal ksur fl-implimentazzjoni tal-EU ETS abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali stabbiliti minn kull pajjiż.

Fiċ-ċiklu ta' konformità tal-2021, il-livell ta' konformità mal-EU ETS baqa' għoli ħafna. L-operaturi responsabbli għal aktar minn 99 % tal-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji u mill-avjazzjoni fil-biċċa l-kbira tas-snin issodisfaw l-obbligi legali tagħhom. L-effiċjenza tas-sistema ta' konformità tjiebet b'użu usa' tar-rapportar elettroniku. Fl-2021, 11-il pajjiż użaw sistemi awtomatizzati tal-IT u mudelli elettroniċi għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet, għar-rapporti ta' verifika u/jew għar-rapporti dwar it-titjib. Tmien pajjiżi jużaw ukoll sistemi awtomatizzati tal-IT sabiex jimmaniġġaw il-fluss tax-xogħol għall-pjanijiet ta' metodoloġija ta' monitoraġġ, għar-rapporti annwali tal-livell ta' attività u għal skambji oħrajn ta' informazzjoni dwar id-*data* tal-allokazzjoni.

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati fuq il-kuntatti fiżiċi, 18-il pajjiż ippermettew lill-verifikaturi jwettqu żjarat virtwali fuq il-post[95]. Għal 460 installazzjoni u 64 operatur tal-inġenji tal-ajru, iż-żjarat virtwali fuq il-post ġew approvati mill-awtorità kompetenti applikabbli.

L-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli ta' konformità differenti fuq ir-rapporti annwali

[94] Il-penali tiġi indiċizzata għall-inflazzjoni.

[95] L-Artikolu 34a tar-Regolament dwar l-Akkreditament u l-Verifika jippermetti lill-verifikatur iwettaq żjarat virtwali fuq il-post jekk sitwazzjoni ta' forza maġġuri tipprevjeni lill-verifikatur milli jmur fuq il-post. Dan huwa permess biss soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti u jekk ikunu ġew issodisfati ċerti kundizzjonijiet.

tal-emissjonijiet tal-installazzjonijiet. Fl-2021, l-awtoritajiet kompetenti kollha vverifikaw il-kompletezza tar-rapporti minn installazzjonijiet stazzjonarji, u l-biċċa l-kbira għamlu dan għal rapporti mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru. L-eċċezzjonijiet huma l-awtoritajiet kompetenti fl-Ungerija u fil-Latvja (bi tliet u żewġ operaturi tal-inġenji tal-ajru, rispettivament), kif ukoll il-Liechtenstein, l-Irlanda ta' Fuq, u s-Slovenja minħabba li ma jamministraw l-ebda operatur tal-inġenji tal-ajru.

It-Tabella 4.4 fl-Appendiċi 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport tippreżenta ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-kontrolli tal-konformità mwettqa fil-pajjiżi tal-EU ETS.

L-awtoritajiet kompetenti fi 12-il pajjiż għamlu stimi konservattivi għal 55 installazzjoni (madwar 0,6 % tal-installazzjonijiet b'mod ġenerali), tnaqqis minn 58 fl-2020. Tali stimi jsiru f'konformità mal-Artikolu 70 tal-MRR jekk ir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet ma jkunux ġew sottomessi fil-ħin, jekk tkun inħarġet opinjoni ta' verifika negattiva, jew jekk rapport dwar l-emissjonijiet ma kkonformax mal-MRR. L-emissjonijiet kollha ta' 14-il installazzjoni ġew stmati b'mod konservattiv. Għal 17-il installazzjoni, stima konservattiva kopriet biss parti mill-emissjonijiet, u 24 installazzjoni ġew stmati li ma ġġeneraw l-ebda emissjoni.

B'kollox, l-emissjonijiet ta' 0,8 Mt ġew stmati b'mod konservattiv (tnaqqis minn 3,3 Mt fl-2020) minn 5 Mt irrapportati mill-55 installazzjoni (tnaqqis minn 18-il Mt fl-2020). Tipikament, saru stimi konservattivi minħabba li r-rapporti dwar l-emissjonijiet ma kinux kompletament konformi mar-rekwiżiti tal-MRR jew minħabba li kienu ġew sottomessi wara l-iskadenza.

Ġew irrapportati stimi konservattivi għall-avjazzjoni minn sitt pajjiżi (tnejn anqas milli fl-2020) li jikkonċernaw 28 operatur tal-inġenji tal-ajru (ħamsa aktar mill-2020) u emissjonijiet ta' 0,09 Mt (0,14 Mt fl-2020).

Il-verifiki tal-awtoritajiet kompetenti jibqgħu importanti sabiex jissupplimentaw ix-xogħol tal-verifikaturi. Minbarra l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, 16-il pajjiż irrapportaw li kienu wettqu spezzjonijiet fuq il-post fl-installazzjonijiet. L-ebda pajjiż[96] ma rrapporta spezzjonijiet fuq il-post għall-avjazzjoni, għall-kuntrarju tat-13-il pajjiż fl-2020. Dan it-tnaqqis, b'mod partikolari għall-avjazzjoni, jista' jiġi attribwit għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Kien impossibbli għall-awtoritajiet kompetenti li jżuru installazzjonijiet jew operaturi tal-inġenji tal-ajru għal parti kbira mill-ewwel nofs tal-2021.

It-Tabella 4.5 fl-Appendiċi 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' konformità amministrati fil-pajjiżi tal-EU ETS.

Fl-2021, 29 operatur tal-installazzjonijiet fi tmien pajjiżi rċevew penali għal emissjonijiet eċċessivi. Fir-rigward tal-avjazzjoni, ġew irrapportati penali għal emissjonijiet eċċessivi minn

[96] Tliet pajjiżi (il-Liechtenstein, l-Irlanda ta' Fuq, u s-Slovenja) ma jamministraw l-ebda operatur tal-inġenji tal-ajru.

erba' pajjiżi għal disa' operaturi tal-inġenji tal-ajru. Ħdax-il pajjiż[97] irrapportaw 41 ksur għajr l-emissjonijiet eċċessivi, u dawn ħarġu penali, twissijiet formali, jew avviżi formali. Ġew irrapportati 30 multa (jew maħruġa jew li għandhom jinħarġu, eż. minħabba proċedimenti legali li għaddejjin), li jammontaw għal EUR 17,9-il miljun. Dan jinkludi l-avjazzjoni, b'ħames ksur f'erba' pajjiżi, li wassal għal tliet multi, għal total ta' EUR 36 000.

It-Tabella 4.6 fl-Appendiċi 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-penali għall-emissjonijiet eċċessivi amministrati fil-pajjiżi tal-EU ETS.

L-aktar ksur komuni rrapportat għall-2021 kien għat-tħaddim mingħajr permess għall-emissjonijiet, in-nuqqas ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ approvat u l-MRR u n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapport dwar l-emissjonijiet fi żmien xieraq. Il-fażi 4 tal-ETS iġġib magħha ksur addizzjonali u penali relatati: in-nuqqas ta' notifika tal-waqfien tal-installazzjoni jew in-nuqqas ta' sottomissjoni tad-dokumenti meħtieġa għall-proċeduri ta' allokazzjoni bla ħlas, bħall-pjan ta' metodoloġija ta' monitoraġġ, in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ ta' dak il-pjan jew is-sottomissjoni ta' rapport annwali dwar il-livell ta' attività.

# 7. Kollegament bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera

Mill-2020, l-EU ETS u l-ETS Żvizzera huma kollegati. Dan ifisser li l-kwoti maħruġa f'sistema waħda jistgħu jiġu ċeduti għall-emissjonijiet iġġenerati f'waħda miż-żewġ sistemi. Bl-aċċess għal suq akbar, l-operaturi jistgħu jisfruttaw kisbiet fil-kosteffiċjenza u aktar opzjonijiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-Ftehim tal-Kollegament[98] jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li bihom huma marbuta ż-żewġ sistemi. Dan jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' konnessjoni tal-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-EU ETS[99] jiġu rrispettati.

L-inklużjoni tal-avjazzjoni fil-Ftehim tal-Kollegament kienet rekwiżit kruċjali għall-UE. Abbażi tal-Artikolu 6 tal-Ftehim, l-Iżvizzera tapplika l-istess approċċ għar-regoli dwar il-kopertura, il-limitu massimu u l-allokazzjoni bħall-EU ETS. It-titjiriet domestiċi Żvizzeri u t-titjiriet li jitilqu lejn ajruporti taż-ŻEE huma koperti mill-ETS Żvizzera, filwaqt li t-titjiriet li jitilqu lejn l-Iżvizzera jaqgħu fil-qafas tal-EU ETS. Dan l-arranġament jissalvagwardja l-integrità ambjentali taż-żewġ sistemi.

L-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jwettqu titjiriet fiż-żewġ direzzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera huma soġġetti għall-obbligi ta' konformità skont iż-żewġ sistemi. Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv assoċjat, il-Ftehim tal-Kollegament jistabbilixxi soluzzjoni ta' "punt uniku ta' servizz". Dan ifisser li l-operaturi jeħtieġ li jittrattaw ma' awtorità kompetenti waħda biss dwar l-allokazzjoni, il-kontijiet ta' depożitu u l-konformità.

---

[97] Il-ħdax-il pajjiż kienu jinkludu ċ-Ċekja, id-Danimarka, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Rumanija.

[98] Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

[99] Bħal hawn fuq, id-Direttiva 2003/87/KE.

It-Tabella 7 u t-Tabella 8 iqabblu ċ-ċifri ewlenin għaż-żewġ sistemi fl-2021 – kwoti rkantati, allokazzjoni bla ħlas, u emissjonijiet ivverifikati, kemm għall-installazzjonijiet stazzjonarji kif ukoll għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru. Dawn juru li l-kompatibbiltà taż-żewġ sistemi ma hijiex kwistjoni ta' daqs iżda ta' rekwiżiti kwalitattivi, kundizzjonijiet ekwi u miżuri sabiex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-suq.

*Tabella 7. Tqabbil tal-EU ETS u tal-ETS Żvizzera - installazzjonijiet stazzjonarji fl-2021.*

| **Sistema** | EU ETS | ETS Żvizzera |
|---|---|---|
| **Kwoti ġenerali rkantati** | 582 952 500 | 175 000,<br>li jifdal mill-2020 |
| **Allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti ġenerali** | 544 947 793 | 4 436 126 |
| **Emissjonijiet verifikati mill-installazzjonijiet stazzjonarji** | 1 335 460 461 | 4 904 027 |

*Tabella 8. Tqabbil tal-EU ETS u tal-ETS Żvizzera - operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-2021.*

| **Sistema** | EU ETS | | ETS Żvizzera | |
|---|---|---|---|---|
| **Kwoti tal-avjazzjoni rkantati** | 3 785 500 | | 160 850 | |
| **Allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti tal-avjazzjoni** | Kwoti tal-avjazzjoni tal-UE għall-EU ETS | Kwoti tal-avjazzjoni Żvizzeri għall-ETS Żvizzera | Kwoti tal-avjazzjoni Żvizzeri għall-ETS Żvizzera | Kwoti tal-avjazzjoni tal-UE għall-EU ETS |
| | 24 060 563 | 380 246 | 496 960 | 397 327 |
| **Emissjonijiet verifikati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru** | EU ETS | ETS Żvizzera | ETS Żvizzera | EU ETS |
| | 27 699 555 | 274 931 | 328 191 | 434 349 |

Sabiex il-Ftehim tal-Kollegament isir operazzjonali u jiġu promossi kisbiet fl-effiċjenza, inħolqot rabta diretta bejn ir-reġistri taż-żewġ sistemi. Dan jippermetti lill-entitajiet regolati jittrasferixxu kwoti minn kont f'sistema waħda għal kont fis-sistema l-oħra. It-trasferimenti huma ppjanati, u ġeneralment iseħħu darbtejn fix-xahar.

It-Tabella 9 u t-Tabella 10 iqisu l-effetti tal-kollegament fl-EU ETS u fl-ETS Żvizzera fl-2021. It-tabelli juru sa liema punt l-entitajiet regolati fiż-żewġ sistemi użaw kwoti maħruġa fis-sistema l-oħra għall-konformità.

*Tabella 9. Unitajiet użati għall-konformità fir-Reġistru tal-UE.*

| **Installazzjonijiet stazzjonarji** | **Allokazzjoni bla ħlas u rkantar** | **Emissjonijiet verifikati** | **Unitajiet ċeduti** | **Kwoti tal-EU ETS** | | **Kwoti tal-ETS Żvizzeri** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġenerali | Avjazzjoni | Ġenerali | Avjazzjoni |
| | 1 128 900 293 | 1 335 460 461 | 1 332 192 792 | 1 323 252 959 | 8 480 001 | 396 422 | 63 410 |
| | **% tat-total** | | | 99,3 % | 0,6 % | 0,03 % | 0,005 % |
| **Operaturi tal-inġenji tal-ajru** | **Allokazzjoni bla ħlas (inkluża l-ETS Żvizzera) u rkantar** | **Emissjonijiet verifikati (inkluż fil-qafas tal-ETS Żvizzera)** | **Unitajiet ċeduti** | **Kwoti tal-EU ETS** | | **Kwoti tal-ETS Żvizzeri** | |
| | | | | Ġenerali | Avjazzjoni | Ġenerali | Avjazzjoni |
| | 28 223 342 | 27 944 486 | 28 007 345 | 7 677 636 | 19 901 550 | 487 | 427 672 |
| | **% tat-total** | | | 27,4 % | 71,1 % | 0,002 % | 1,5 % |

*Tabella 10. Unitajiet użati għall-konformità fir-Reġistru Żvizzeru.*

| **Installazzjonijiet stazzjonarji** | **Allokazzjoni bla ħlas u rkantar** | **Emissjonijiet verifikati** | **Unitajiet ċeduti** | **Kwoti tal-EU ETS** | | **Kwoti tal-ETS Żvizzeri** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġenerali | Avjazzjoni | Ġenerali | Avjazzjoni |
| | 4 611 126 | 4 904 027 | 4 858 105 | 398 715 | 0 | 4 433 068 | 26 322 |
| | **% tat-total** | | | 8,2 % | - | 91,3 % | 0,5 % |
| **Operaturi tal-inġenji tal-ajru (amministrati mill-Iżvizzera)** | **Allokazzjoni bla ħlas (inkluża l-EU ETS) u rkantar** | **Emissjonijiet verifikati (inkluż fil-qafas tal-EU ETS)** | **Unitajiet ċeduti** | **Kwoti tal-EU ETS** | | **Kwoti tal-ETS Żvizzeri** | |
| | | | | Ġenerali | Avjazzjoni | Ġenerali | Avjazzjoni |
| | 1 055 137 | 762 540 | 762 540 | 302 | 279 336 | 0 | 482 902 |
| | **% tat-total** | | | 0,04 % | 36,6 % | - | 63,3 % |

B'kollox, l-entitajiet regolati fl-EU ETS (kemm l-installazzjonijiet stazzjonarji kif ukoll l-operaturi tal-inġenji tal-ajru) użaw 887 991 kwota maħruġa fil-qafas tal-ETS Żvizzera għall-konformità fl-2021. Dan huwa kważi 246 000 kwota aktar mill-2020, li jfisser żieda ta' aktar minn 38 % fl-użu tal-flessibbiltà li tipprovdi l-konnessjoni. Dan inkiseb minkejja li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru tal-UE kienu użaw anqas kwoti tal-avjazzjoni maħruġa fil-qafas tal-ETS Żvizzera f'termini relattivi (1,5 % fl-2021 meta mqabbla ma' 2,3 % fl-2020).

F'konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji, l-installazzjonijiet stazzjonarji tal-UE setgħu jużaw il-kwoti tal-avjazzjoni tal-ETS Żvizzera għall-konformità għall-ewwel darba fl-2021[100]. Is-sensibilizzazzjoni u l-aċċettazzjoni dejjem akbar tal-konnessjoni bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera huma ddokumentati sew ukoll bl-użu akbar tal-kwoti ġenerali Żvizzeri minn installazzjonijiet stazzjonarji, minn żero għal madwar 396 422 unità. F'termini relattivi, il-kwoti ġenerali maħruġa fil-qafas tal-ETS Żvizzera ammontaw għal anqas minn 0,03 % tat-total ċeduti fl-EU ETS fl-2021. Madankollu, dan kien jirrappreżenta sehem aktar sinifikanti ta' 8,6 % tal-kwoti ġenerali Żvizzeri kollha allokati bla ħlas u rkantati dik is-sena.

Fl-ETS Żvizzera, l-installazzjonijiet stazzjonarji użaw sehem simili tal-kwoti ġenerali tal-EU ETS għall-konformità fl-2021 (8,2 %). Meta mqabbla ma' 0,19 % fl-2020, din hija żieda notevoli. Għal darb'oħra, din tista' tiġi attribwita għal għarfien dejjem akbar dwar il-flessibbiltà offruta mis-swieq konnessi tal-karbonju. Fl-2021, l-installazzjonijiet stazzjonarji fl-ETS Żvizzera setgħu jużaw ukoll kwoti tal-avjazzjoni għall-konformità. Madankollu, użaw biss kwoti tal-avjazzjoni maħruġa fis-sistema domestika.

It-Tabella 11 tiġbor fil-qosor il-volumi aggregati ta' kwoti (kemm ġenerali kif ukoll tal-avjazzjoni) ittrasferiti bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera permezz tal-kollegament dirett mill-2020. Il-bilanċ juri ħruġ ta' 3 269 kwota mill-EU ETS għas-sistema Żvizzera. Madankollu, ta' min jinnota li ċ-ċifri jistgħu jinkludu trasferimenti mill-ġdid tal-istess kwoti.

*Tabella 11. Kwoti trasferiti bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera fl-2020-21.*

| **Sena** | | 2020 | 2021 | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| **Trasferimenti ta' kwoti bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera** | Mill-EU ETS għall-ETS Żvizzera | 475 679 | 1 051 360 | 1 527 039 |
| | Mill-ETS Żvizzera għall-EU ETS | 0 | 1 523 770 | 1 523 770 |
| **Bilanċ** | | | | 3 269 |

100 Skont l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva tal-EU ETS.

## 8. EU ETS fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija[101]

L-EU ETS topera fi ħdan il-kuntest usa’ tal-politika tal-enerġija tal-UE, inkluża d-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija[102]. L-għan ta’ din id-Direttiva huwa li jinkiseb iffrankar tal-enerġija billi jiġu stabbiliti miri u obbligi għall-Istati Membri u għall-kumpaniji. Is-sinjal tal-prezz tal-karbonju tal-EU ETS jista’ għalhekk jinteraġixxi ma’ miżuri u ma’ azzjonijiet ta’ politika implimentati għal dak il-għan.

L-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija jirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu miżuri ta’ politika sabiex jiksbu ffrankar tal-enerġija f’konformità mal-miri nazzjonali indikattivi tagħhom[103]. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw il-miżuri ppjanati tagħhom sabiex jilħqu l-miri tal-iffrankar tal-enerġija tal-Artikolu 7 għall-perjodu ta’ obbligu 2021-30. Bir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija bħala parti mill-pakkett ta’ politika sabiex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet li jiżdiedu l-miri ġenerali tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll il-mira annwali tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija. In-negozjati dwar din il-proposta għadhom għaddejjin.

Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija jippromwovi miżuri kosteffettivi għall-effiċjenza enerġetika f’kumpaniji kbar, inklużi xi installazzjonijiet koperti mill-EU ETS. Huma meħtieġa jwettqu verifika tal-enerġija kull 4 snin jew jużaw sistema ċertifikata ta’ ġestjoni tal-enerġija jew tal-ambjent. Dawn l-għodod jgħinu sabiex jiġi identifikat it-telf tal-enerġija, jistmaw il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija u miżuri kosteffettivi sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija.

Is-sinjal tal-prezz tal-karbonju tal-EU ETS jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-investimenti u għall-miżuri relatati mal-effiċjenza enerġetika fis-setturi regolati. L-Istati Membri jużaw ukoll id-dħul mill-irkant mill-EU ETS sabiex jiffinanzjaw it-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Fl-2021, 18-il Stat Membru[104] rrapportaw li użaw dan id-dħul sabiex jiffinanzjaw proġetti relatati mal-effiċjenza enerġetika. Dawn kienu jinkludu investimenti fil-modernizzazzjoni termali tal-bini (inkluż appoġġ għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx), konsulenza dwar l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll riċerka u żvilupp, bl-objettiv li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija. B’mod ġenerali, fl-2021 intefqu EUR 2,5 biljun ta’ dħul mill-ETS fuq il-finanzjament ta’ investimenti relatati mal-effiċjenza enerġetika.

---

101 Abbażi tal-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210), u dwar l-Artikoli 29 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

102 Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija. ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210.

103 Bħal qabel, id-Direttiva (UE) 2018/2002, l-Artikolu 3.

104 Is-17-il Stat Membru kienu jinkludu l-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, u s-Slovenja.

## 9. Konklużjonijiet u prospettiva

Fl-2021, id-domanda għall-enerġija żdiedet, xprunata mill-irkupru gradwali mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, u l-prezzijiet tal-fjuwils fossili fis-swieq Ewropej żdiedu. L-EU ETS kompliet tiffunzjona kif suppost u twettaq l-ambizzjoni klimatika tal-UE.

Għalkemm l-emissjonijiet fl-EU ETS żdiedu fl-2021, dawn baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija osservati fl-2019. Iż-żieda kienet marbuta mal-irkupru ekonomiku gradwali wara l-pandemija tal-COVID-19. L-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji żdiedu b'6,6 % meta mqabbla mal-2020 iżda kienu għadhom 5,6 % anqas milli fl-2019. L-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana żdiedu wkoll, xprunati mill-bidla lura mill-użu tal-gass naturali għall-faħam b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili. Fl-2021, l-emissjonijiet mill-avjazzjoni kienu madwar 30 % ogħla milli fl-2020, iżda xorta kienu 50 % anqas milli fl-2019.

Minkejja dan, is-sehem tal-emissjonijiet fossili mill-faħam iebes żdied f'installazzjonijiet stazzjonarji, filwaqt li l-ishma kemm tal-linjite kif ukoll tal-gass naturali naqsu minħabba prezzijiet ogħla tal-gass naturali. B'reazzjoni għall-kriżi tal-enerġija, il-Kummissjoni ressqet il-pjan REPowerEU. Dan jipproponi li titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, filwaqt li jibni fuq ir-reviżjonijiet li għaddejjin tal-politiki relatati dwar il-klima u l-enerġija fil-qafas tal-pakkett sabiex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Iż-żieda fil-prezz tal-karbonju qajmet mistoqsijiet dwar jekk kienx hemm spekulazzjoni eċċessiva fis-suq tal-karbonju tal-UE. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) indirizzat dan it-tħassib f'analiżi estensiva tas-suq u l-imġiba tiegħu, u kkonkludiet li l-prezzijiet prevalenti huma konformi mal-prinċipji fundamentali tas-suq.

Fl-istess ħin, prezz ogħla tal-karbonju fl-2021 sarraf fi dħul ogħla mill-irkant għall-Istati Membri – kważi d-doppju tad-dħul tal-2020. Fl-2021, l-Istati Membri nefqu medja ta' EUR 19-il biljun ta' dħul mill-irkant fuq azzjoni relatata mal-klima u l-enerġija. L-Istati Membri użaw ukoll dawn ir-riżorsi sabiex itaffu l-impatti tal-kriżi tal-enerġija. Fit-terminu medju sa twil, dawn ir-riżorsi jistgħu jappoġġaw l-investiment fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, u b'hekk itejbu l-effiċjenza enerġetika u jżidu l-użu tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jnaqqsu mhux biss l-emissjonijiet iżda wkoll id-dipendenza tal-Istati Membri fuq il-fjuwils fossili u fuq l-importazzjonijiet tagħhom.

B'mod parallel, ir-reviżjoni tal-EU ETS qiegħda tavvanza, bin-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Sal-2030, is-sistema hija mistennija li tikseb tnaqqis aktar ambizzjuż fl-emissjonijiet f'konformità mal-miri klimatiċi tal-UE stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.